# MADONNA TA' PINU

9.

Ħarġa Speċjali



FL-OKKAŻJONI TA' EGĦLUQ IL-

## 50 SENA MILL-KONSAGRAZZJONI

TAS-SANTWARJU BAŻILIKA
TAL-MADONNA TA' PINU
1931 - 1981

**MADONNA TA' PINU**

perjodiku ta' kull tlett xhur

Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba mhumiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.

Kull korrispondenza għandha tkun indirizzata hekk:

L-Editur,
"Madonna Ta' Pinu"
Ċentru Kulturali Marjan
Ta' Pinu, Għawdex.
Nru. tat-Tel: 556187

**Abbonament għal sena**

Lokali: 60c

Sostenitur: £M1.

Barra minn Malta: £M1.

Sostenitur: £M2.

**INTENZJONI TA' DIN IL-ĦARĠA**

Biex permezz ta' din il-ħarġa speċjali tar-Rivista jibqa' mfaħħar għal dejjem Jum il-Konsagrazzjoni tas-Santwarju għażiż tal-Madonna Ta' Pinu.

**Gozo Press.**

SENA III — Nru. 9

**Jannar — Marzu 1982.**

**F'DIN IL-ĦARĠA:**


* Nota Editorjali 257
* Kumitat Organiżżattiv tal-Festi Ċinkwantinarji tal-Konsagrazzjoni tas-Santwarju Bażilika ta' Pinu 257
* Diskors ta' Mons. Beneditt Camilleri Rettur tas-Santwarju ta' Pinu bħala ntroduzzjoni għall-Akkademja Mużiko-Letterarja li saret f'Ta' Pinu nhar il-Ħadd 24 ta' Jannar 1982 258
* Marija Qaddset dan l-Imkien 260
* Is-Santwarju Ta' Pinu 262
* Il-Poplu Għawdxi u l-Madonna Ta' Pinu 264
* Is-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu 266
* Siltiet mid-Diskors tal-E.T. Mons. Isqof Nikol G. Cauchi 269
* Riżultat tal-Konkors Novelli dwar il-Madonna. 270
* id-Devozzjoni Lejn il-Madonna u l-Apostolat Marjan 271
* Siltiet mid-diskors ta' Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca 272
* Quddiem il-Madonna Ta' Pinu 274
* Riżoluzzjonijiet li ttieħdu fir-Rally tad-Diriġenti ta' l-Għaqdiet li sar fis-Santwarju Ta' Pinu nhar il-Ħadd 31 ta' Jannar 1982. 278
* Kronaka 279
* Is-Santwarju Ta' Pinu - 50 sena Ikkonsagrat. 283
* Programm ta' Ċelebrazzjonijiet 286

## NOTA EDITORJALI

Biex jibqgħu mfakkra kif jixraq iċ-Ċelebrazzjonijiet li saru fl-okkażjoni ta' għeluq il-50 sena mill-Konsagrazzjoni tas-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu, id-direzzjoni tar-Rivista qed tippubblika ħarġa speċjali tal-"Madonna ta' Pinu".

F'din il-ħarġa speċjali, barra minn Programm sħiħ tal-attivitajiet li saru, insibu wkoll xi ritratti, diskorsi u poeżiji li saru għal din l-okkażjoni; insibu wkoll ir-riżultat tal-Konkors Letterarju mniedi mid-Direzzjoni taċ-Ċentru Kulturali Marjan għall-istess okkażjoni, ir-Riżoluzzjonijiet li ttieħdu fir-Rally tad-Diriġenti ta' l-Għaqdiet Kattoliċi li sar fis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu nhar il-Ħadd 31 ta' Jannar, 1982, flimkien ma' artikli oħra nteressanti.

Minħabba l-ispazju limitat tar-rivista, ma kienx possibbli għalina li niktbu fid-dettal dwar l-attivitajiet kollha li saru biex ifakkru dan iċ-Ċinkwantinarju, però din il-ħarġa speċjali tar-rivista tibqa' żgur tifkira xierqa ta' dak li sar.

## Kumitat Organizzattiv tal-Festi Ċinkwantinarji tal-Konsagrazzjoni tas-Santwarju Bażilika ta' Pinu

| | |
|---|---|
| President: | L-E.T. Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi. |
| Viċi-President: | Mons. Beneditt Camilleri. |
| Segretarju: | Dun Karm Borg. |
| Teżorier: | Is-Sur Ġorġ Farrugia. |
| Membri: | Kan. Dun Mikiel Cauchi |
| | Is-Sinjorina Maria Zerafa |
| | Is-Sinjorina Carmen Buhagiar |
| | Is-Sur Joseph Refalo |
| | Is-Sur Alexander Tabone. |

# Diskors ta' Mons. Beneditt Camilleri, Rettur tas-Santwarju Ta' Pinu, bħala introduzzjoni għall-Akkademja Mużiko-Letterarja li saret f'Ta' Pinu nhar il-Ħadd, 24 ta' Jannar, 1982



Hija drawwa sabiħa li meta ssir xi ħaġa li jistħoqqilha li tiġi mfakkra fiż-żminijiet ta' wara, tiġi mħażża xi kitba li jkun diffiċli li wieħed iħassarha, jew tiġi mqegħda xi ħaġa li tiġbed l-għajn ta' min igħaddi mingħaliha. Iżda l-bniedem mhux dejjem jagħraf u japprezza dak li jistħoqqlu jiġi mfakkar u dan jew għaliex ikun diffiċli għalih li jara u jistudja dak li jkun inkiteb, jew għaliex, maħkum mill-għagħa tal-ħajja u mix-xogħol li ħafna drabi bil-kemm iħallih jistrieħ, x'aktarx li ħwejjeġ bħal dawn ftit jagħti każhom għalkemm ħafna drabi jkunu parti mill-ħajja tiegħu jew huma ta' siwi kbir għalih.

Ħamsin sena ilu, ġie kkonsagrat dan is-Santwarju għażiż tal-Madonna, ġew imwaħħla tnax-il salib madwar is-Santwarju, u li llum qegħdin naraw biċċa minnhom imżejnin bil-fjuri u oħrajn imdawlin bix-xema' tixgħel, u tqegħdet ukoll irħama ħdejn il-bieb il-kbir biex tfakkar aktar biċ-ċar it-tberik. Kienet ġrajja li tistħoqqilha tibqa' mfakkra,għal

dejjem, kemm għas-santwarju nnifsu, għaliex f'dak il-jum dan il-bini tal-ġebel sar "id-dar t'Alla u l-bieb tas-sema", sar "id-dar li tixirqilha qdusija matul iż-żminijiet", kemm għal dawk li b'tant sagrifiċċji waslu biex itellgħu maqdes hekk majestuż wara li għarfu l-kobor tal-grazzja speċjali li Marija, Omm Alla u Ommna tatna, meta għoġobha tagħżel dan il-post biex fih u minnu xxerred fuqna qdusija, saħħa u paċi; kemm ukoll għalina u dawk li jiġu warajna biex inkunu nistgħu nimxu fuq il-passi ta' missirijietna u hekk ingawdu mill-istess benefiċċji li kellhom ix-xorti li jgawdu huma.

Imma min jaf kemm eluf ta' pellegrini, kemm eluf ta' turisti, kemm eluf ta' kurjużi daħlu f'dan it-tempju, bla ma għadda l-iċken ħsieb minn moħħhom li jaqraw dik il-kitba jew jaraw x'inhija t-tifsira ta' dawk is-slaleb!!!

Kien xieraq għalhekk li wara ħamsin sena nerġgħu niltaqgħu flimkien f'dan l-imkien qaddis fejn missirijietna nġabru u għaddew il-lejl jifirħu għall-għajnuna li l-Mulej tahom biex itellgħu dan il-monument u fl-istess ħin jitolbuH biex jinżel jgħammar fih bħalma niżel igħammar fit-tempju li bena Salamun. U hekk infakkru din il-ġrajja waħdanija fl-istorja tas-Santwarju; niltaqgħu flimkien biex inġeddu l-wegħdiet li għamlu huma li jħarsu dan is-Santwarju minn dak kollu li jista' jagħmillu ħsara, inġeddu l-wegħdiet tagħna li nibqgħu dejjem ngħożżu dak kollu li Marija tagħmel magħna.

"Marija turilna 'l Iben Divin tagħha u tagħmlilna l-istess stedina li darba għamlet lill-qaddejja ta' Kana: 'Agħmlu kulma jgħidilkom' (S. Ġw. II, 5). Jekk għall-kmand tagħha, inferrgħu fil-ġarar tal-Karità u tas-Sagrifiċċju l-ilma bla togħma ta' l-irqaqat kollha ta' l-għemejjel tagħna ta' kuljum, il-miraklu ta' Kana jiġġedded. L-ilma jitbiddel f'inbid bnin, fi kliem ieħor, fl-isbaħ grazzji għalina u għall-oħrajn."

*(Cousin).*

"Ħadd, la fis-sema u lanqas fl-art, ma jista' joqgħod ħdejn Marija minħabba l-kobor, is-setgħa u l-glorja tagħha li ġiet imsebbħa bihom."

*(L-E.T. Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi).*

**Din il-poeżija nqrat mill-poeta nnifsu fl-Akkademja Mużiko-Letterarja li saret fis-Santwarju Ta' Pinu, taħt il-Presidenza ta' l-Eċċ. Tiegħu Mons. Nikol Ġ. Cauchi, fl-okkażjoni tal-Ħamsin Anniversarju tal-Konsagrazzjoni tas-Santwarju Bażilika tal-Madonna Ta' Pinu, nhar il-Ħadd, 24 ta' Jannar, 1982.**

# Marija Qaddset Dan l-Imkien

Mimlija bil-Grazzja,
Hekk dehret Marija,
Għax kienet maħtura
Omm l-Għajn tal-qdusija.

Minn dejjem hekk feġġet
Fil-moħħ tal-Ħallieq,
Biex għall-ħlejjaq kollha
Tkun xempju u triq.

U baqgħet għaddejja
Fis-Sema taż-żmien,
Bħal Xemx tal-Qdusija
Mifrux kullimkien.

Ir-raġġi sbieħ tagħha
Ma' ddellu b'xejn qatt,
Iddew, sebbħu u qaddsu,
F'kull żmien u f'kulħadd.

Hekk f'Hebron narawha
Ma' Binha Ġesù,
Lil Ġwanni tarbija
Timlieh b'kull virtù.

Hawn Elizabbetta
Quddiem sema w art,
Tistqarr li Marija
Hi fjur fost il-ward.

Li tfewwaħ u tqaddes
Ir-ruħ tal-bnedmin,
Fejn semmgħet leħinha
wettieq u ħanin.

Ismagħha titkellem
Fit-Tieġ gewwa Kana,
U tilmaħ qdusitha
Din l-Omm wisq setgħana.

Li timla bil-għaġeb
Lil dawk li kien hemm,
Kif warrbet mill-briju
Fil-bidu kull hemm.

U din art twelidna
Il-Gżira Għawdxija,
Daqitha l-imħabba
Ta' Ommna Marija.

Mhux biss għax ħarsitna
Fil-medda tas-snin,
Mill-qawwa ta' l-għadu
F'dawl Gżejjer Maltin,

Iżda għax din l-Art ħelwa
L-Omm tat-Tliet Għoljiet,
Intgħażlet b'Marija
Minn fost l-artijiet.

W għażlitha biex lilha
Tgħammidha bl-imħabba,
Tas-safa mirquma
li qatt ma tittabba'.

Għażlitha biex fiha
Issaħħaħ id-dawl,
Li f'xitwa qalila
Ġabilna San Pawl.

Għażlitha biex lilha
Issejjaħ fi ħdanha,
Biex nibqgħu uliedha
W Hi tibqa' l-Omm tagħna.

X'ħin sejħet lix-Xbejba
Lil Karmela Grima,
Minn din il-Kappella
Devota u qadima.

Marija għażlitu
Dal-lok hekk għażiż,
Biex minnu jissawwar
L-Imkien hekk qaddis.

'Ma leħen l-Omm t'Alla
Hawn far bil-qdusija,
Li ħarġet u nfirxet
Mal-Gżejjer Maltija.

U sar tron ta' ħniena
Sar Maqdes ta' talb,
Mnejn lejl u nhar jitla'
Fis-sema mill-qalb.

Bdiet tnemmel u tgeġweġ
In-nies mat-triqat,
Kull ħin ġejja w sejra
U l-iktar fl-Erbgħat.

Il-Knisja lemħitha
Did-dija Marjana,
Li feġġet qaddisa
Fil-Gżira minn tagħna.

U wara nofs seklu
Dal-maqdes sabiħ,
Ġie mwaqqaf biex nagħtu
Lill-Verġni kull ġieh.

Ħamsin sena ilu
Dan ġie kkonsagrat,
Kull ħaġra, kull rieda
Lil Alla ngħatat.

Biex jibqa' jissejjaħ
Fil-ġirja tas-snin,
Bażilika, Santwarju
Qaddies il-bnedmin.

Għalhekk l-Omm u Verġni
Imliet bil-qdusija,
Dir-rokna mwarrba
Tal-Gżira Għawdxija.

Biex fiha aħna nfiequ
Fil-ġisem, fir-ruħ,
W indewwu l-feriti
Ta' żmienna miġruħ.

Nintrefgħu mill-ħama
Tal-jien u tal-ħtija,
Kif nilmħu l-Omm tagħna
Imdawra bid-dija.

Iġbidna Omm ħelwa
Bil-ħarsa t'għajnejk,
Biex kollox inħallu
U niġu hawn ħdejk,

Fejn Int bil-qdusija
Għalina libbist,
Biex b'kelmtek nitqaddsu
Kif lilu qaddist.

Daw'l Gżejjer, Madonna
Żomm sħaħ fit-twemmin,
Jistqarru bil-qawwa
Lil Ibnek Divin.

Biex dil-ġrajja mqaddsa
Ta' dana l-Imkien,
Iżżommna magħquda
Familja flimkien.

L-Omm Alla ma' wliedha
L-ulied ma' xulxin,
Fuq l-art u fis-Sema
Bi ġmielek henjin.

**MONS. M'ANĠ. APAP.**

# IS-SANTWARJU TA' PINU

*F'egħluq il-50 anniversarju*
*mill-Konsagrazzjoni tiegħu.*

Fil-Punent ta' dil-Gżira ta' l-għasel,
kwiet isaltan għal dawn l-aħħar snin,
hemm Santwarju ta' qima, ta' għożża —
l-isbaħ ġawhra għall-Maltin u l-Għawdxin!

Wieqaf waħdu fil-beraħ, setagħni,
għassies ġwejjed bil-lejl u bin-nhar,
ta' l-egħlieqi li jfuru bl-egħlejjel
u bis-siġar miżgħuda bl-inwar.

Fuq il-baħar kaħlani li jwennsu
mimli dgħajjes bil-ħut mgħobbijin,
jitfa' ħarsa li tqawwi w isseddaq
bla ma tieqaf, il-qalb tal-baħrin.

Abjad qotna bix-xmejxa ħanina
li mill-għoli 'ttih bewsa fit-tul
jibqa' l-egħżeż Santwarju fejn jgħammar
il-Misteru ta' l-Għeneb u ż-Żbul!

Imma l-Bidwi li ħawwel ġo nofsna
din id-Dwejra fil-jiem imbegħdin,
riedha tilqa' fi ħdanha lil Ommu
biex hemm tgħammar sat-temma tas-snin.

U mill-għodwa li fiha Marija
kellmet xebba mill-Għarb, Karmni Grima,
dan l-imkien ġibed lejh minn kull rokna
ħlejjaq kbar li jżuruh bl-ogħla qima.

Għax tassew, din ir-rokna mill-Ġenna
fuq din l-art, saret kenn għall-bnedmin,
u kull ħlejqa li tħossha weħidha
tiġi hawn ħa titwennes kull ħin.

Kull min tilef kull tama u faraġ,
jiġi jibki għand Omm il-Ħallieq:
kull min dineb fl-imgħoddi għax dgħajef,
jiġi niedem ifittex it-triq.

Is-Santwarju Ta' Pinu sar issa
għajn li tnixxi kuljum, bla waqfien,
ilma safi ta' grazzji, ta' ħniena
illi bħalha ma dehret imkien.

U dawk kollha li jduqu dan l-ilma
u għall-hena jerġgħulek mill-ġdid,
jiġu jroddu kull ħajr lil Marija
li bil-ferħ sawbet fuqhom il-ġid.

Din id-Dwejra ta' Sidtna tas-Sema
tilqa' fiha 'l min jiġi bil-qalb
sabiex jgħaddi ftit ħin bogħod mill-ħamba
u jinġabar fis-sikta, fit-talb.

Min jaf x'hena, xi sliem, balzmu jfewwaħ,
faraġ ħlejju, waqtiet ta' mistrieħ!
X'mewġa, x'ziffa ta' tama qawwija
kull min jidħol hawn ġewwa tiġih!

O Marija, ibqa' ħares bla tehda
das-Santwarju ta' mħabba, ta' sliem,
biex għalina jkun barka mis-Sema,
għajn ta' tama, ta' faraġ dejjiem.

Naqqax l-isem għażiż ta' "Ta' Pinu"
ġewwa l-qlub tal-Maltin u l-Għawdxin
ħalli hekk Int u aħna, Marija,
qatt ma nkunu fil-ħsieb mifrudin.

**KAN. JOE MEJLAK.**

**N.B.** *Din il-poeżija nqrat mill-awtur innifsu f'akkademja mużiko-letterarja li saret fis-Santwarju Bażilika Ta' Pinu nhar il-Ħadd, 24 ta' Jannar, 1982.*

# IL-POPLU GĦAWDXI U L-MADONNA TA' PINU

*Diskors tal-Kav. Ġużeppi Pace fl-Akkademja Mużiko-Letterarja li saret fl-okkażjoni ta' għeluq il-50 anniversarju mill-Konsagrazzjoni tas-Santwarju Ta' Pinu*

F'okkażjoni bħal ma hija dik tal-lejla, ma nistgħux ma niftakrux fil-ġrajja ta' l-għaġeb li twettqet f'dan il-post, kważi mitt sena ilu. Hawnhekk instema' l-leħen tal-Madonna biex bih twasslilna l-messaġġ tagħha. F'dan il-post għażiż ir-Reġina tas-Smewwiet riedet twaqqaf it-tron tagħha.

Din li ser insemmu, hija ġrajja qadima, iżda fl-istess ħin, dejjem ġdida; bħal melodija l-iktar ħelwa li għad li smajnieha bosta drabi, imma nixtiequ nerġgħu nisimgħuha għaliex dejjem tpaxxi l-widnejn tagħna. Hekk il-ġrajja tad-dehriet tal-Madonna ta' Pinu, għad li nafuha kollha kemm aħna, iżda meta nerġgħu nisimgħuha, inħossu l-qalb tagħna tfur bil-ferħ.

Kien it-22 ta' Ġunju tas-sena 1883, meta xebba mir-raħal ta' l-Għarb, Karmela Grima, kienet ġejja mill-għalqa tal-familja tagħha u għaddiet mit-trejqa li kien hawn f'dawn l-inħawi. Hija semgħet leħen li jgħidilha: "Ejja, ejja." Ħarset ma' dwarha u ma rat lil ħadd. F'dawk il-ħinijiet fl-egħlieqi fil-qrib ma kien hemm ebda maħluq. Għalhekk hija resqet lejn il-kappella l-qadima u gerbet il-ġebla fejn kienu jżommu l-muftieħ tagħha. B'qalbha ttaqtaq, Karmela Grima fetħet il-bieb tal-kappella. Stħajlitha ser issib lil xi ħadd hemm ġew, iżda stagħġbet mhux ftit, meta ndunat li l-kappella kienet vojta. Kien hemm biss l-artal tal-Madonna bit-tiżjin tiegħu. Karmni nxteħtet għarkubbtejha quddiem ix-xbieha ta' Sidtna Marija u bħas-soltu bdiet tgħid id-devozzjonijiet tagħha. Mix-xbieha tal-Madonna, ħasset ġej il-leħen li kienet semgħet ftit qabel. Din id-darba, il-leħen misterjuż fiehem lil Karmni x'riedet minnha l-Madonna. Riditha tgħid sliema u qaddisa għal tliet darbiet b'tifkira tat-tlitt ijiem li ġisem Marija dam ġewwa l-qabar, qabel ma ġiet imtellgħa fis-sema bir-ruħ u l-ġisem.

Din kienet il-ġrajja li bdiet moviment ġdid fl-istorja tal-gżira ċkejkna tagħna. Din kienet il-ġrajja li minnha tnisslet djalettika ta' mħabba bejn il-Madonna u l-poplu tagħna. Min-naħa l-waħda l-Madonna li fetħet it-teżor tas-sema biex minnu tqassmilna grazzji u doni spiritwali; min-naħa l-oħra l-poplu tagħna li għamel kull ma setgħa sabiex juri l-qima u l-imħabba tiegħu lejn l-Omm u s-Sultana tiegħu.

Kienu bla għadd, l-insara li matul dan is-seklu li għadda mid-dehriet tagħha, irrikorrew għand il-Madonna ta' Pinu fit-tribulazzjonijiet tagħhom u sabu fiha avukata u protettriċi l-iktar setgħana. Min jista' jgħodd dawk il-midinbin, li meta ġew iżuru dan it-tempju, ħassew xi ħaġa tqanqalhom sabiex jitolbu maħfra lil Alla u jirranġaw l-imgħoddi tagħhom. Bosta kienu l-erwieħ li sabu ruħhom fi kriżi, u wara li talbu bil-ħerqa f'dan il-post qaddis, kisbu l-faraġ u l-għajnuna ta' l-Omm Ħanina tagħna. Ħafna ħallew mitkubin fir-reġistri tas-Santwarju l-grazzji li qalgħu bl-interċessjoni tal-Madonna ta' Pinu, iżda huma wisq u wisq iktar dawk, li l-grazzja li rċivew żammewha bħal sigriet li jafu bih huma u Alla biss.

Kull meta fuq pajjiżna kien imdendel xi flaġell, il-poplu tagħna ġie bi ħġaru f'dan is-Santwarju, inxteħet quddiem ix-xbieha ta' Sidtna Marija u minnha stenna li tiġih l-għajnuna u li jkollu l-ħarsien li kien jeħtieġ. Hekk ġara fl-1887, meta kien hemm il-biża' ta' l-epidemja tal-kolera, kif ukoll fil-bidu tat-Tieni Gwerra Dinjija. Bir-raġun kollu, għalhekk, jistgħu l-Għawdxin isellmu lil Marija bl-istess kliem ta' tifħir li ntqal lil Ġuditta: "Inti l-ġieħ tal-poplu tagħna!"

U biex juri mħabbtu lejn il-Madonna Ta' Pinu, il-poplu Għawdxi bnielha dan is-Santwarju meraviljuż u żejjnu b'ħafna xogħlijiet tal-arti. B'dan il-mod twaqqaf fi gżiritna monument li jixhed quddiem il-barranin u quddiem il-ġenerazzjonijiet tal-futur, ir-rabta ta' żewġt iqlub, qisu bħal żwieġ mistiku bejn il-Madonna u l-ġens tagħna.

Kien jum ta' ferħ u ta' entużjażmu għall-Għawdxin, meta ħamsin sena ilu, fit-13 ta' Diċembru, 1931, dan it-tempju ġie kkonsagrat b'rit solenni minn Mons. Mikiel Gonzi, dak inhar Isqof t'Għawdex. Għad li kien temp ta' xita u bard, iżda huma ġew minn kull rokna tal-gżira sabiex jieħdu sehem f'dik il-funzjoni. Matul il-ġimgħa ta' wara mbagħad komplew isiru pellegrinaġġi għas-Santwarju minn diversi parroċċi.

Illum li qegħdin infakkru l-Ġublew tad-Deheb ta' din il-ġrajja glorjuża fl-istorja tas-Santwarju Ta' Pinu, ta' min jistaqsi: Aħna l-Għawdxin lill-Madonna Ta' Pinu tajnieha dak kollu li stajna jew għad fadal xi ħaġa oħra li hija tixtieq minn għandna? Jonqos xi prova oħra ta' l-imħabba tagħna lejn il-Verġni Mbierka?

Naħseb li ma nkunux niżbaljaw jekk ngħidu li l-Madonna tixtieq l-ewwelnett li aħna nibqgħu sħaħ fil-fidi li rċivejna minn għand l-Appostlu Missierna San Pawl. Il-kampnar ta' dan is-Santwarju li jitla' 'l fuq 'il fuq lejn is-smewwiet għandu jkun bħal simbolu tat-twemmin tagħna. Il-kampnar għoli qisu id il-poplu ta' gżiritna merfugħa 'l fuq sabiex quddiem id-dinja kollha tipprotesta u tistqarr, li jkunu xi jkunu l-ġrajjiet li jgħaddi minnhom, irid jibqa' dejjem jgħożż u jħares id-don prezzjuż tal-fidi nisranija.

Il-Madonna trid ukoll li aħna nkunu verament ulied il-Missier tagħna tas-Sema u tabilħaqq dixxipli ta' Kristu billi nħobbu lil xulxin sinċerament skond kif titlob il-karità nisranija. Fit-tieġ ta' Kana tal-Galilija, Marija ntebħet li naqas l-imbid. Forsi meta tħares lejn gżiritna, Marija tosserva li tonqos xi ħaġa fina għaliex il-karità fostna ma hix kif tixtieq Hi. Liema omm ma tinkwetax meta tara li fost uliedha hemm in-nuqqas ta' ttehim? Għalhekk ma nkunux nonorawha lill-Madonna jekk fostna nżommu t-tilwim u forsi wkoll il-mibegħda. Bħala att ta' qima lejn il-Madonna, omm tagħna lkoll, infittxu li nagħdru, naħfru u ngħinu l-proxxmu tagħna, kif iridna Kristu.

Aħna qegħdin nistennew li, kif ħabbrulna l-Isqfijiet tagħna, niċċelebraw l-ewwel ċentinarju tad-dehriet, is-sena li ġejja. Din għandha tkun l-ewwel u l-aqwa thejjija għaċ-ċentinarju billi nissaħħu fil-fidi kattolika u nitqaddsu b'sentimenti u b'għemejjel ta' karità vera u sinċiera.

# Is-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu

**Diskors tas-SUR EDWARD CAMILLERI** *li kellu jinqara fl-Akkademja Mużiko-Letterarja u peress li kien il-maltemp ma setax ikun preżenti.*

Min isegwi l-aħbarijiet tal-Vatikan spiss jisma' li qegħdin isiru xi ċelebrazzjonijiet f'xi santwarju magħruf tal-Madonna. Xi drabi l-Papa jibgħat id-Delegat tiegħu, drabi oħra jibgħat xi messaġġ speċjali u f'xi każi jmur huwa stess. Ilkoll nafu kemm il-Papa Ġwanni Pawlu II iħobb il-Madonna. Bir-raġun li fl-arma tiegħu jġib il-kelmiet Totus Tuus — "Kollni Tiegħek". Is-sena li ġejja, jekk Alla jrid, ikun imiss lil dan is-Santwarju għażiż li jkun iċ-ċentru ta' attivitajiet kbar Marjani, mhux biss għalina, imma għal ħafna studjużi u devoti tal-Madonna minn kull rokna tad-dinja. M'hemmx dubju li l-Qdusija Tiegħu l-Papa se jfakkar din l-okkażjoni kif jixraq.

Kif tafu, is-sena li ġejja, taħbat il-100 sena minn meta t-twajba Karmni Grima semgħet il-leħen ta' Marija Santissima. Semgħetha ssejħilha biex tidħol ftit fejnha. U Karmni laqgħet l-istedina ta' Marija u dan kien il-bidu ta' storja sabiħa għal din il-Gżira. F'dawn il-100 sena d-dinja, u pajjiżna xejn anqas, raw taqlib kbir. Min-naħa waħda kellna żewġ gwerer kbar li ħallew miljuni ta' vittmi, ħsarat tal-biża', mard, tibdil ta' fruntieri bl-inġustizzji, il-firda u l-mibegħda li jġibu magħhom; kellna rivoluzzjonijiet imdemmija, tixrid ta' tagħlim qarrieq li għamel u għadu jagħmel ħsara kbira.

Min-naħa l-oħra kellna l-progress li sar fix-xjenza, fil-mediċina u fid-dinja tax-xogħol. Dan it-taqlib, għall-aħjar jew għall-agħar, ħalla l-marka tiegħu fuqna u fuq pajjiżna.

Imma ma naħsbux ħuti, li dan it-taqlib u d-diffikultajiet kienu xi ħaġa tas-seklu li għadda biss. Hi l-istorja tas-sekli kollha. Jekk immorru lura lejn l-istorja ta' art twelidna, insibu ħafna żmenijiet koroh. Biżżejjed insemmu s-snin meta dawn il-gżejjer kienu jinkrew lil sidien bla qalb bħalma kien Monroy, jew is-snin meta t-Torok u l-furbani kienu jinżlu fuq ix-xtut tagħna u jħallu warajhom ħerba sħiħa. F'kull żmien dawn il-gżejjer ċkejknin tagħna kellhom żminijiet ta' prova, bħalma wkoll żminijiet sbieħ.

Imma wkoll fl-iżjed żminijiet koroh dejjem feġġ dawl ta' tama, dawl li jtaffi d-dlamijiet. Dan id-dawl kien imkebbes mill-Fidi Nisranija, li bi grazzja speċjali Alla fil-ħniena tiegħu għoġbu jagħtina sa mill-ewwel snin tal-Kristjaniżmu, meta tempesta qalila tefgħet fuq ix-xtut tagħna l-appostlu Pawlu. Din il-fidi dejjem kienet għajn ta' tama. F'kull hemm li sab ruħu fih il-poplu tagħna fis-sekli li għaddew, dejjem resaq b'tama sħiħa lejn Alla u lejn Ommu Marija. L-istorja ta' art twelidna tixhed ir-rabta sħiħa li kellha ma' Marija. Min-natura tagħhom, l-ulied ifittxu lil ommhom, iżjed u iżjed fil-bżonn. Il-kelma "Ma" toħroġ weħidha f'ċirkustanzi iebsin. Ma niskantawx mela li missirijietna kienu jfittxu l-kenn ta' din l-Omm ħanina. Il-ħafna knejjes, kappelli u artali ddedikati lil Marija Verġni taħt diversi titoli huma prova ċara ta' din ir-rabta ta' missirijietna ma' Marija. U dawn il-knejjes insibuhom imsemmija sa l-ibgħad żminijiet.

Fost dawn il-kappelli u knejjes ad unur tal-Madonna li kienu mxerrdin fl-irħula u l-kampanja Għawdxija, insibu li kien hawn waħda f'dan l-istess post fejn qegħdin naraw dan it-tempju llum. Sa·minn qabel l-Assedju l-Kbir tal-1565, jiġifieri madwar 430 sena ilu, f'dan il-post kien hawn kappella ddedikata lill-Madonna li kienet inbniet flok oħra li kien hemm qabilha.

Ta' min jistaqsi: x'kien l-iskop li tibni kappelli bħal dawn f'dak iż-żmien mimli nċertezzi, jekk mhux bħala ringrazzjament għall-għajnuna li Marija Santissima dejjem tat lill-poplu tagħna? U nibqgħu ċerti li din il-fiduċja sħiħa f'Marija nbniet fuq provi ċari tal-protezzjoni tal-Madonna lil uliedha.

## Tempju Sabiħ

Ejjew issa nagħtu daqqa t'għajn ħafifa lejn l-istorja ta' din il-Bażilika. Karmni kienet titkellem dwar tempju sabiħ li kellu jitla' f'dan il-post. Forsi xi wħud ma tantx kienu jagħtuha mportanza lil din il-profezija. Xi 18-il sena wara li l-Madonna kellmet lil Karmni Grima, kienu diġà ppruvaw jibdew dan it-tempju, imma bħalma spiss jiġri meta tkun se ssir xi ħaġa għall-glorja t'Alla, hawn ukoll inqala' l-inkwiet u x-xogħol dam ma beda għal kważi 30 sena. Fit-30 ta' Mejju tas-sena 1920, l-Isqof Camilleri qiegħed l-ewwel ġebla. Il-knisja damet tinbena 11-il sena. Fit-13 ta' Diċembru, 1931, l-Isqof Mikiel Gonzi kkonsagra dan it-tempju. Karmni Grima ma kellhiex ix-xorti li tara din il-ġurnata li fiha seħħet il-kelma tagħha imma żgur li mis-sema assistiet għal din iċ-ċerimonja sabiħa. Fis-sena ta' wara, dan is-Santwarju ġie mgħolli għad-dinjità ta' Bażilika. Tliet snin wara, fl-20 ta' Ġunju, 1935, ix-xbieha Mirakuluża tal-Madonna ġiet inkururnata mill-Kardinal Lepicier, Legat tal-Papa. Kienet ġrajja li qanqlet lill-Għawdxin u lill-Maltin. Eluf ta' nies iffullaw biex jassistu għal din iċ-ċerimonja grandjuża. L-eluf kbar ta' nies taw tislima mill-qalb lill-Kardinal u fuq kollox lil Marija Santissima.

F'dawk is-snin kien ġà beda jinħass it-theddid tal-gwerra li fil-fatt faqqgħet biss ftit snin wara. Malta ntlaqtet sew minn din il-gwerra. F'dawk is-snin ta' periklu ħafna nies resqu lejn il-Madonna ta' Pinu għall-għajnuna u Hi ma naqsitx li tagħtihom l-għajnuna tagħHa. Il-Verġni Mqaddsa stiednet lil Karmni Grima biex tidħol fid-dar fqajra tagħha bħalma ftit snin qabel kienet sejħet lil Bernardette fl-agħar ta' Mesabiele. Karmni laqgħet l-istedina tagħha. Il-kelmiet "Ejja, ejja", daħlu f'qalbha u għalkemm imgħaġġla, daħlet biex tisma' lill-Madonna.

Meta aħna nistiednu lil xi ħadd ġo darna, nagħmlu mill-aħjar biex noffrulu xi ħaġa sabiħa. Hekk u xejn inqas għamlet il-Madonna ma' Karmni Grima. Ma offritilhiex il-ġid tad-dinja imma tatha l-isbaħ rigal, il-paċi tar-ruħ u tal-qalb. Minn dak in-nhar 'l hawn eluf ta' nies sabu l-fejqan tal-ġisem bħalma sabet Ċensa Portelli; oħrajn sabu l-fejqan tar-ruħ u oħrajn kisbu l-faraġ qaddis li l-Omm l-iżjed twajba tisqi lil uliedha. U dan il-ferħ u l-faraġ li l-Madonna tqassam minn din il-Bażilika mhux limitat biss għal ġensna. F'dawn l-aħħar snin, eluf ta' barranin qegħdin iżuru dan is-Santwarju. Ħafna minnhom jiġu b'sens ta' kurżità turistika. Imma nistgħu nibqgħu ċerti li l-Madonna taf toħroġ il-ġid minn dawn il-viżti allavolja forsi ma jafuhiex biżżejjed; Marija hi Ommhom u huma wliedha. B'xi mod huma wkoll qegħdin jilqgħu l-istedina tal-Madonna. Min jaf f'ċirkostanzi bħal dawn jirrepetix ruħu l-indħil qaddis tal-Madonna kif sar fit-tieġ ta' Kana? Min jaf bil-mod isirx il-miraklu tal-grazzja u l-bidla tal-ħajja tar-ruħ?

## Is-Sehem tal-Bażilika

M'hemmx għalfejn nitkellem fit-tul fuq is-sehem li dan is-Santwarju għandu fil-ħajja tad-djoċesi. Il-mibki l-Isqof Ġużeppi Pace ħadem kemm felaħ biex ikabbar id-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Pinu. L-istess għamel l-Isqof ta' qablu Mons. Mikiel Gonzi. L-isqof tal-lum ma jħallix okkażjoni taħrab biex jagħmel minn din il-Bażilika ċentru ta' devozzjoni, tagħlim u għaqda għad-djoċesi kollha. Biżżejjed wieħed iħares lejn l-attivitajiet li jsiru kull sena f'dan il-post għażiż. Il-laqgħat internazzjonali li se jġibu fil-gżejjer tagħna l-aqwa studjużi tal-Madonna huma l-aqwa prova ta' kemm l-Arċisqof ta' Malta Mons. Ġużeppi Mercieca u l-Isqof ta' Għawdex Mons. Nikol Cauchi għandhom għal qalbhom id-devozzjoni lejn il-Madonna. Is-sena li ġejja, din il-Bażilika se tkun il-qalb tal-gżejjer tagħna.

Mid-dar fejn noqgħod, wara nżul ix-xemx, nilmaħ id-dawl tal-fanal ta' Ġordan jaqdi dmiru biex igħin lill-baħħara. Spiss niftakar li qrib dak id-dawl li jidher fuq il-għolja hemm santwarju għażiż, li fih Dawl bil-bosta iżjed qawwi, Dawl li f'dawn l-aħħar mitt sena ferraħ ħafna qlub u dawwal ħafna bnedmin. Nitlob, ħuti, li dan id-Dawl ma jintefa qatt, jibqa' jdawwal l-imħuħ u l-qlub ta' wlied dawn il-gżejjer. Nitlob li l-kelmiet li bihom il-Verġni sejħet lil Karmni Grima jibqgħu jduru fi qlubkom u fi qlub uliedkom, minn ġenerazzjoni għall-oħra. Hekk inżommu dejjem jixgħel fostna dan id-Dawl tal-fidi. Din tkun l-aqwa garanzija ta' paċi u progress għal din art twelidna.

"M'humiex forsi Ġesù u Marija Adam u Eva l-ġodda li s-siġra tas-Salib għaqqdet flimkien fin-niket u l-imħabba biex tissewwa l-ħsara li l-ewwel ġenituri tagħna għamlu fl-Eden? Ġesù hu l-għajn u Marija l-kanal tal-grazzji li mill-ġdid jagħtuna t-twelid spiritwali u jgħinuna biex nirbħu għal darb'oħra d-dar tagħna tas-sema".

"Flimkien mal-Mulej inbierku lil dik li Hu għolla biex tkun l-omm tal-ħniena, is-sultana tagħna, l-omm tagħna li wisq tħobbna, il-medjatriċi tal-grazzji tiegħu, dispensatriċi tat-teżori Tiegħu. L-Iben t'Alla jagħmel 'Ommu tiddi bil-glorja, bil-majestà u l-qawwa tas-Saltna Tiegħu nnifsu. Għax kienet magħquda mas-Sultan tal-Martri, bħala ommu u assistenta tiegħu fix-xogħol tal-għaġeb għall-fidwa tal-bnedmin hi tibqa' għal dejjem magħquda miegħu, imlibbsa b'setgħa prattikament bla tarf fit-tqassim tal-grazzji li jiġu mill-fidwa. Is-saltna tagħha hi kbira daqs dik ta' Binha; tabilħaqq hekk kbira li xejn ma jinsab barra mill-ħakma tagħha".

*(Piju XII: Taħdidiet tal-21 ta' April, 1940, u tat-13 ta' Mejju, 1945).*

# Siltiet mid-Diskors ta' l-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof ta' Għawdex, bħala konklużjoni tal-Akkademja Mużiko-Letterarja li saret fl-okkażjoni tal-50 Anniversarju mill-Konsagrazzjoni tas-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu



Inġbarna hawn il-lejla biex infakkru ġrajja wisq importanti fl-istorja ta' dan is-Santwarju għażiż iddedikat lill-Madonna ta' Pinu.

Ħamsin sena ilu, din il-knisja, mibnija bil-għaraq ta' missirijietna u bil-ġenerożità tal-poplu tagħna, ġiet ikkonsagrata għall-qima t'Alla u saret għalina d-Dar tat-Talb. Minn dak in-nhar sal-lum, nistgħu ngħidu li qatt ma naqsu l-pellegrinaġġi ta' talb u penitenza għal dan is-Santwarju. U ġew hawn pellegrinaġġi mhux biss mill-gżira ċkejkna tagħna, mhux biss minn Malta, imma saħansitra nsara minn artijiet imbegħda ġew f'riġlejn il-Madonna ta' Pinu biex jitolbuha xi grazzja speċjali u tawha l-qima tagħhom.

Matul dawn il-ħamsin sena ta' storja, dan is-Santwarju laqa' fih nies minn kull ġens u nazzjon. Jalla din id-Dar għażiża tal-Madonna tibqa' tkun il-kenn ta' eluf u eluf ta' bnedmin li matul iż-żminijiet għad ifittxu f'dan il-post qaddis il-faraġ u l-protezzjoni ta' Marija.

Jalla dawk il-pellegrinaġġi li għamlu missirijietna matul l-aħħar ħamsin sena — b'mod speċjali meta l-hemm u t-tiġrib ħakem il-gżejjer tagħna — ikomplu għal li ġej. Jalla nibqgħu aħna wkoll bħal dawk ta' qabilna mimlina fiduċja fil-qawwa u fl-imħabba ta' Marija.

U hawn nixtieq nagħmel appell lill-kappillani biex mhux biss ikomplu jorganizzaw dawk il-pellegrinaġġi ta' żmien ir-Randan; dawn għandhom ikomplu, imma nixtieq li intom tħeġġu lill-parruċċani tagħkom biex aktar ta' spiss iżuru u jagħmlu pellegrinaġġi għal dan is-Santwarju anke fuq livell ta' gruppi organizzati jew kategoriji, per eżempju tfal, żgħażagħ, romol, anzjani, membri ta' l-Għaqdiet Kattoliċi u oħrajn.

Dawn il-pellegrinaġġi, meta jkunu organizzati tajjeb u mmexxija mill-kappillan jew xi saċerdot ieħor, iħallu żgur ħafna ġid fl-erwieħ u jagħtu ħajja aktar lil dan is-Santwarju. Nistgħu nagħtu ħajja aktar lil dan is-Santwarju wkoll billi, kemm huwa possibbli, ngħinu fl-organizzazzjoni tal-funzjonijiet bis-sehem attiv tagħna.

Hekk is-Santwarju ta' Pinu jibqa' għalina u għal dawk ta' warajna, dak li kien għal missirijietna: il-ġawhra tal-gżejjer tagħna.

---

## RIŻULTAT TAL-KONKORS NOVELLI DWAR IL-MADONNA MNIEDI MIĊ-ĊENTRU KULTURALI MARJAN FL-OKKAŻJONI TAL-50 SENA MILL-KONSAGRAZZJONI TAS-SANTWARJU TA' PINU

L-Ewwel Premju (£M15): Ma ngħatax minħabba li ma ntlaħaqx il-livell mixtieq.

It-Tieni Premju (£M10): intrebaħ mis-Sur Carmel Bianchi ta' "Casa Bianchi", New Street Off Main Street, Qormi, bin-novella "Quddiem il-Madonna ta' Pinu".

It-Tielet Premju (£M5): Peress li l-ewwel premju ma ngħatax, it-tielet premju, fuq suġġeriment tal-Board tal-Eżaminaturi, ingħata lil żewġ konkorrenti: (i) Is-Sur George Attard, ta' "Notre Dame", Annunciation Street, Balzan, bin-novella "F'Salib it-Toroq"; (ii) Is-Sur Peter Paul Vella ta' 74, Grunju Street, Nadur, bin-novella "U l-Ġibs deher jiċċaqlaq".

## Rally tad-Diriġenti ta' l-Għaqdiet dwar:

# Id-Devozzjoni lejn il-Madonna u l-Apostolat Marjan

Bħala parti mill-attivitajiet li saru fl-okkażjoni tal-50 sena tal-Konsagrazzjoni tas-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu, nhar il-Ħadd, 31 ta' Jannar, 1982, il-Kumitat Organizzattiv, bil-koperazzjoni tal-K.D.A.L., organizza dan ir-Rally bl-iskop li jsiru diskussjonijiet u studju dwar: Kif jista' jiġi organizzat aħjar l-apostolat marjan u kif tista' tikber aktar fost il-poplu tagħna d-devozzjoni lejn il-Madonna.

Dan ir-Rally beda b'Quddiesa fis-Santwarju ta' Pinu minn Dun Ġużepp Camilleri, Asst. Segretarju ta' l-E.T. Mons. Isqof, li fl-omelija tiegħu għamel introduzzjoni qasira u fisser l-iskop ta' dan ir-Rally. Wara, dawk li ħadu sehem f'dan ir-Rally kienu maqsuma f'ħames "workshops". Id-diskussjonijiet fil-"workshops" — li kienu mmexxija mis-Sur Peter Bartolo, mis-Sur Leli Attard, is-Sinjura Antoinette Frendo, l-Arċipriet Ġużeppi Borg Attard u Dun Karm Borg — kienu dwar dawn il-ħames suġġetti:

1. **Ir-Ružarju fi żminijietna**
2. **Il-Familja u d-Devozzjoni Marjana.**
3. **Kif inrawwmu d-Devozzjoni Marjana fit-tfal.**
4. **Is-Santwarji Marjani u l-Għaqdiet.**
5. **Iċ-Ċentru tal-Kultura Marjana.**

Ir-Rally għalaq b'diskors qasir mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi u bil-qari tar-riżoluzzjonijiet meħuda fil-"workshops".

*(Ara Riżoluzzjonijiet paġna 278)*

# Siltiet mid-diskors ta' Mons. Arcisqof Guzeppi Mercieca li ghamel fis-Santwarju ta' Pinu nhar il-Hadd 21 ta' Frar 1982 fl-okkazjoni tal-Gheluq tal-Festi tal-50 sena tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja.

Mons. Arċisqof beda biex irringrazzja lil Mons. Isqof Nikol Cauchi talli stiednu biex imexxi dik il-funzjoni hekk solenni. Irringrazzja wkoll lis-saċerdoti preżenti li kienu ħafna li kkonċelebraw miegħu. Irringrazzja wkoll lill-ġemgħa kbira ta' nies li attendiet għal din l-okkażjoni.

Huwa kompla biex fakkar lill-insara preżenti xi tfisser din l-okkażjoni. Huwa qal li missirijietna, ħamsin sena ilu, ħadmu bil-bosta biex bnew dan it-tempju li juri l-fidi tagħhom f'Alla l-Imbierek u d-devozzjoni kbira u l-fiduċja tagħhom f'Marija SS.ma Ta' Pinu. Ħamsin sena ilu, saret din il-Konsagrazzjoni, jiġifieri li dan il-post sar kollu kemm hu post t'Alla l-Imbierek; post li fih il-bniedem jiltaqa' m'Alla u Alla jiltaqa' mal-bniedem; post li jservi totalment għall-kult divin u li fih ma jistgħux isiru affarijiet profani.

Din hija ġrajja ta' l-imgħoddi li lilna wkoll tmissna fil-laħam il-ħaj, lilna li qegħdin ngħixu f'dawn iż-żmenijiet. Dan it-tempju ġie kkonsagrat minn Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi. Missirijietna batew u wrew il-fidi tagħhom anke fi żmienhom meta mhux kollox kien jidher bnazzi. Fil-ħajja tal-bniedem dejjem jinqalgħu d-diffikultajiet u ftit huma dawk il-mumenti li jgħaddi fil-kwiet. Għalhekk jeħtieġ li nkunu dejjem lesti li nbatu. U anke jekk xi ħadd igħajjarna, jippersegwitana jew iġegħelna nsofru, dan nagħmluh bil-qalb għall-imħabba t'Alla. Wieħed ma għandux jaqta' qalbu. Għandna niftakru li hemm Alla u l-Madonna. Min ipoġġi lil Alla u lill-Madonna fil-ħajja tiegħu, jirbaħ u ma jaqtax qalbu waqt id diffikultajiet. Dan għallmuhulna missirijietna li bnew dan it-tempju hekk sabiħ.

Id-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Pinu hija xi ħaġa universali. Mhix devozzjoni tal-Maltin u l-Għawdxin li jgħixu hawn biss, imma mad-dinja kollha. Ma tidħolx f' Familja ta' emigrant li ma ssibx immaġni jew









santa tal-Madonna ta' Pinu. Ma hemmx imsiefer li ma għandux rokna f'qalbu għall-Madonna ta' Pinu. Komplu bid-devozzjoni tagħkom lejn Marija Santissima; komplu bil-pellegrinaġġi tagħkom lejn dan is-Santwarju għażiż.

Din il-ġrajja li qed niċċelebraw illum tmiss mhux biss il-passat imma anke lilna li qegħdin ngħixu f'dan iż-żmien hekk diffiċli. Teżisti firda bejn il-familji, fuq il-postijiet tax-xogħol, teżisti għira u mibegħda. Xejn ma jiswa li wieħed joqgħod iżebbeġ il-kuruna tar-Rużarju u jgħid li huwa devot tal-Madonna jekk imbagħad ma jurix bil-fatti tal-ħajja tiegħu t-twemmin f'Alla u fiduċja f'Marija.

Jekk aħna verament insara jeħtieġ li nuru lil Kristu fil-ħajja tagħna ta' kuljum bħalma wrietu Marija. Fil-familji tagħna, fuq il-postijiet tax-xogħol, kullimkien irridu nuru lil Kristu. Inkunu sodi fit-twemmin tagħna bħalma kienu missirijietna. Ma rridux inkunu bħal qasba tixxejjer mar-riħ.

Ħobbu lill-Isqof tagħkom u isimgħu mit-tagħlim li huwa u dawk magħqudin miegħu jagħtukom. Għandkom tkunu devoti lejn il-Madonna għax il-Madonna tressaqkom lejn Kristu u Kristu lejn Alla. Imma għandkom tkunu ubbidjenti lejn l-Isqof għax l-Isqof igħaqqadkom mal-Papa li huwa l-Vigarju ta' Kristu. Ħobbu anke lill-Papa u itolbu anke għalija biex flimkien mar-Ragħaj tagħkom aħna nkunu nafu ndawlukom bit-tagħlim li tagħti l-Knisja. Oqogħdu attenti għat-tagħlim qarrieq li qed jinxtered fostna, tagħlim li ma jaqbilx ma dak tal-Knisja. Jeħtieġ nuru t-twemmin tagħna fil-beraħ u dejjem inħaddnu t-tagħlim li jagħtuna l-Isqfijiet.

Inkomplu s-sagrifiċċju tal-Quddiesa u nitolbu lil Ġesù flimkien ma' Ommu Marija biex huma jidħlu għalina u jagħtuna dak kollu li għandna bżonn."

# Quddiem il-Madonna ta' Pinu

*Novella ta' Carmel Bianchi, rebbieħa tat-tieni premju fil-Konkors Novelli dwar il-Madonna, imniedi miċ-Ċentru Kulturali Marjan fl-okkażjoni ta' egħluq il-50 anniversarju mill-Konsagrazzjoni tas-Santwarju ta' Pinu.*

Fir-raħal ta' Ħal-Qormi, wara l-Knisja ta' San Ġorg, jew aħjar kif isibuh il Qriema, "Fuq Tal-Blat", kienet tgħammar familja ta' tnejn min-nies. Anzi biex inkun eżatt, żewġt aħwa .... Marija u Carmen. Id-destin ta' dawn it-tnejn, kien tassew kiefer. Iż-żewġt aħwa sfaw iltiema meta l-ġenituri tagħhom tilfu ħajjithom f'inċident tat-traffiku. Carmen, oħt Marija, barra li kienet marradija, kienet ukoll inkapaċitata. Minkejja dan kollu quddiem wiċċha, Marija aktar ħabbitha u fittxet li tara lil oħtha ma jkun jonqosha xejn. Kienet tissallab u tara x'tagħmel biex lil Carmen taraha dejjem hienja u bit-tbissima fuq wiċċha. Oħtha kienet tiġi l-ewwel u qabel kulħadd. Saħansitra qabel lilha nnifisha. Dejjem ħasset li dmirha kien li tieħu ħsiebha. U l-wegħda li għamlet 'l ommha ftit ħin biss qabel ma ruħha nfirdet minn ġisimha, qatt ma warrbitha. Ħalfitilha quddiem il-kwadru tal-Madonna ta' Pinu li kien hemm imdendel mal-ħajt ftit il-fuq mis-sodda tagħha.

Marija, minkejja li kienet taf li hi tfajla ħelwa, qatt ma tkessħet bil-ġmiel li Alla żejjinha bih. Għalkemm kienet ħielsa, għax ma kellha lil ħadd min jindaħlilha, dejjem rażżnet lilha nnifisha, biex iżżomm il-ġieħ tagħha bla mittiefes. Kienet l-għaxqa tar-raħal. Kienet imlaqqma wkoll "Il-Madonna" barra dnubietha.

Ma tgħoddhomx kemm-il żagħżugħ talabha mħabbitha. Ilkoll għalqitilhom bieb qalbha ma' wiċċhom. Iżda, wieħed minnhom indiehes magħha sewwa u rnexxielu jakkwista l-ħbiberija tagħha.

Lejla waħda sabiħa sajfija, kif jaf jagħmel Awissu, Marija kienet bil-qiegħda fuq siġġu fil-parapett tad-dar tagħha, imħassba u f'tilwima ma' Michael, iż-żagħżugħ imsemmi.

"Jeħtieġ naraw x'se nagħmlu, għax iddejjaqt f'din il-ħajja. Jekk ma tridx li niddeċiedu meta ser isir it-tieġ, għall-anqas għidli meta nitgħarrsu, inkella fittex bieb ieħor" qal imgħaddab.

Marija, għal dan il-kliem inħasdet u wiċċha ħmar daqs il-peprin, telgħatilha għoqla fi griżmejha u ma felħitx twiegbu.

Taħsbux li Marija ma saritx tħobb liż-żagħżugħ tagħha. Hija kienet imgħaġġla daqsu biex jingħaqdu fiż-żwieġ. Imma fin-nofs kien hemm oħtha, li f'dawn l-aħħar ġimgħat, il-marda kagħbritha ġmielha. Marija ħasset li jekk tittraskuraha, issa, meta l-aktar tinħtiegħha, tkun qed tonqos bil-kbir. Setgħet tiżżewweġ u tibqa' magħha. Tassew. Imma beżgħet li ma tkunx tista' tiddedika ruħha għaliha, mija fil-mija.

Michael ma kienx tal-fehma tagħha. Kien jaf li bosta drabi mietu l-ħrief qabel in-nagħaġ. Saħansitra issuġġeriehla wkoll, biex tibgħatha fid-Dar tal-Providenza ġewwa s-Siġġiewi....Imma din ma kenitx kelma. U kollha mbaqbqa qaltlu:

"Qed tgħid hekk, għax għad fadallek 'l ommok u 'l missierek ħajjin, imma jien lilha biss għandi...ma għandix ħliefha fid-dinja...U sakemm niflaħ jien, ħadd ma jdur b'oħti...ħadd, qiegħed tismagħni Michael", u nfexxet tibki.

Ftit wara Marija daħħlet idejha fil-but tal-libsa u ħarġet daqsxejn ta' maktur abjad miksi bi fjuri rqaq ħomor. Mesħet id-dmugħ ta' fuq ħaddejha u reġgħet poġġietu f'imkienu.

Michael bħal tħassarha u għal darb'oħra reġa' kiser is-skiet li qabad isaltan bejniethom.

"Marija, agħtihuli dak iċ-ċurkett li għandek f'subgħajk iż-żgħir, b'turija ta' mħabbitna...nixtrilek ieħor floku!"....talabha ż-żagħżugħ waqt li b'idejh il-leminija melsilha wiċċha.

"Michael...għażiż tiegħi, jiddispjaċini, imma dan iċ-ċurkett ilħaqt wegħedtu...jiddispjaċini tassew..."

"U mela obżoqha" qatgħalha kliemha Michael, "int qed iġġib skuża minħabba f'oħtok..." għajjat iż-żagħżugħ. "Lili tgħidx li tafni aktar...Imissek tistħi, għandek wiċċ ħaddieħor; qed tagħmel hekk għax taf li ħabbejtek...u ara tgħid li qatt kont tafni..." issokta jisbel Michael. Demmu telgħalu għal rasu, u ħalliha bħal Erbgħa fost il-ġimgħa.

Marija bħal mibluha, immutat u baqgħet tħares lejh ċassa, sakemm għeb minn quddiemha. Wara li ħassitha tistejqer minn dak kollu li għaddiet minnu, daħlet tistaqsi 'l oħtha jekk riditx xi ħaġa u qdietha f'dak li kienet tinħtieġ.

Għalkemm Marija dejjem għamlet ħilitha biex turi ruħha ferħana b'oħtha, iżda dik il-lejla deħret li kienet f'xi saram. Ma setgħetx tegħleb il-ħsieb dwar il-maħbub tagħha. Lil oħtha sabitilha skuża li għad fadlilha x'tagħmel biex tkun tista' twarrab. Telgħet fuq, sakkret il-bieb tal-kamra u reġgħet infexxet tibki kemm tiflaħ. F'daqqa waħda, ħarsitha ltaqgħet max-xbieha tal-Madonna ta' Pinu. Resqet qrib il-kwadru u waħħlet ħarsitha ma' tal-Madonna u lissnet fost l-ilfieq:

"O għażiża Madonna ta' Pinu, inti taf kemm jiena devota kbira tiegħek...għaliex qiegħda tippermetti dan kollu miegħi...Ma sofrejtx biżżejjed Madonna, meta tlift il-ġenituri tiegħi...m'inhix qed insofri...dan mhux dulur ieħor quddiem wiċċi li qed indur b'oħti nkapaċitata...għaliex issa wkoll kelli ninfired minn Michael il-maħbub tiegħi...Inti taf Madonna għażiża li jien onesta u fidila lejh...għaliex ħallejtu jinfired minni? Madonna Ta' Pinu...għażiża tiegħi, erġa' reġġgħu lura fi ħdani lil Michael...."

Wara ftit mesħet id-dmugħ li kien ċajprilha ħarsitha u kompliet titlob quddiem il-kwadru.

"Għażiża Madonna Ta' Pinu, nitolbok fejjaqli l-għażiża oħti...Għalkemm it-tobba qatgħu jieshom minnha, inti jekk trid, tfejjaqha...Iva, Madonna għażiża .... inti biss tista' tidħol għaliha, u tkun il-mediċina ta' fejqan għaliha.....

Marija mbagħad bħal iċċassat lejn ix-xbieha; intilfet minn sensiha. Iżda leħen oħtha Carmen malajr reġa' ġabha f'tagħha.

Dik l-istess lejla, Michael li ma kienx xi tifel ħażin, ma naqasx li jmur salknisja bħas-soltu. Kuljum iż-żagħżugħ kien iżur lil Ġesù Sagramentat, kif ukoll igħid 'Salve Regina' quddiem il-kwadru tal-Madonna ta' Pinu, dejjem imdawwal b'għadd sabiħ ta' xemgħa quddiemu. Kif kien hemm quddiem ix-xbieha, imnikket, talab:

"O Madonna għażiża, għax ħabbejt b'qalbi kollha, intbaħt li kienet qed tqarraq bija. Għini Inti, għax ma nafx x'ser naqbad nagħmel mingħajrha". Wara ftit, sellem lil Ġesù Sagramentat, bies il-Madonna, u moħħu jgħum f'baħar ta' ħsibijiet, telaq lejn id-dar.

Meta tasallek is-siegħa, biex tinfired mid-dinja, u tmur tingħaqad mal-Ħallieq Divin, m'hemmx xi jsir aktar. Kollu għalxejn ikun it-taħbil il-moħħ tat-tobba li jagħmlu ħilithom biex iżidu ħajjet il-marid. Ma' Carmen għamlu aktar minn biżżejjed.

U Carmen ħallietna.

Sar il-funeral u l-kadavru tagħha ndifen fuq il-ġenituri tagħha, fil-qabar tal-familja.

Mur għidilha 'l Marija, li l-maħbub tagħha, minkejja kollox, baqa' jsus il-passi tagħha, għalkemm kien ħaseb li kellha lil xi ħadd ieħor. Tabilħaqq li fejn tħobb il-qalb, jimxu r-riġlejn. U iżjed u iżjed wara l-mewt ta' Carmen. Iż-żjajjar ta' Michael qrib id-dar ta' Marija, bdew ikunu aktar ta' sikwit; biex forsi jitkixxef aħbarha.

Aktar ma beda jgħaddi ż-żmien, il-ġibda tiegħu lejn Marija, kien iħossha tiżdied. Beda ta' spiss jisħet lilu nnifsu li ma għadirhiex waqt il-mard t'oħtha. U ddispjaċih bil-bosta meta waslitlu l-aħbar tal-mewt ta' Carmen.

"Kont jien li ssuppervjajt u qbadt u tlaqt...Allura jixraq li nerġa' nkun jien li mmur inabbtilha l-bieb". U qabad triqtu lejn dawk l-inħawi, mistħi, u qalbu tħabbat, beżgħan li toħroġ iċċanfru. Iżda Michael għamel ħiltu u ħabbat il-bieb.

Kif Marija feġġet fil-bieb, bil-kemm riedet temmen 'l għajnejha. Michael kien pront qalilha:

"X'hemm Marija...Kif inti?" U minnufih ħatfilha idejha u għafashomlha kemm felaħ ma' wiċċu. Stampalha bewsa fuq ħaddejha u ftit mistħi lissen:

"Jisgħobbija għat-telfa t'oħtok. U nitolbok taħfirli ta' kif ittrattajtek."

Marija, b'qalbha mfawwra bil-ferħ, issa li għandha lil Michael quddiemha, dlonk stqarritlu:

"Michael, iċ-ċurkett ma kien għal ħadd, għajr għall-Madonna Ta' Pinu ... kont wegħedtulha qabel ma tlabtuli int...għall-fejqan t'oħti...illum oħti m'għadhiex magħna...."

"Imm'inti issa qed tgħidli li kont wegħedtu lill-Madonna ta' Pinu! Għax m'għidtlix dak in-nhar stess?" qatgħalha kliemha Michael.

"Mela nsejt kemm issuppervjajt", fakkritu Marija.

"Insomma, issa għadda kollox", qalilha Michael.

Qalbhom issa reġgħet bdiet tfawwar bil-hena.

Marija b'idejha magħfusin ma' ta' Michael, urietu x-xewqa li ċ-ċurkett xorta waħda ttih lill-Madonna, li għalkemm ma semgħethiex għall-fejqan t'oħtha, fehmet kemm il-Madonna ħabbet lil oħtha billi ħelsitha mill-uġigħ kbir li kienet qed tbati.

Wasal is-Sibt u ż-żewġ maħbubin kienu jinsabu ċ-Ċirkewwa fuq il-vapur, jistennew li jwassalhom fuq il-Gżira tat-Tliet Għoljiet. Sar il-ħin, u l-vapur beda jofroq l-ilma biex iwassal il-passiġġieri Għawdex.

Kif dlonk niżlu fuq dik l-art ħelwa u sabiħa...l-art li titgħaxxaq tirfes fuqha, krew 'taxi' u wasslithom fis-Santwarju u Bażilika ta' Pinu...l-għaxqa u l-ġawhra ta' l-Għawdxin. Dak is-Santwarju għażiż u devot, li hu mfittex mhux biss minn niesna, imma wkoll minn dawk il-bogħod minn xtutna.

U hekk ix-xewqa ta' Marija twettqet meta hija offriet dak iċ-ċurkett minn qalbha, lil dik l-Omm Ħanina...dik l-Omm li tagħder u tħenn għal uliedha.

Qabel ma ħallew is-Santwarju, Marija u Michael ħalfu lil xulxin li l-mewt biss issa terġa' tifridhom. U xhud ta' kliemhom kien hemm ix-xbieha mirakoluża tal-MADONNA TA' PINU.

T M I E M

## IL-MADONNA U R-RUŻARJU

Ir-Rużarju hu talba lil Marija għal kulħadd, kbar u żgħar, tgħodd għal kull bżonn tal-ħajja u hu konsolazzjoni tagħna f'mewtna.

*(Saċ. G. Alberione).*

Kemm huma dawk li permezz tar-Rużarju jagħmlu mewta tajba u jmorru l-ġenna!

*(S. Alf. M. de Liguori).*

Fir-Rużarju aħna nagħtu qima lil Sidtna Marija għall-idejal tagħha ta' Omm Alla, għall-ġabra tagħha ta' kull virtù, l-aktar l-umiltà, id-duluri u l-glorja tagħha fis-sema.

*(Dun Ġorġ Preca).*

Idejn il-ġenituri u l-ulied, idejn iż- għar innoċenti, il-morda u x-xjuħ, jaqbdu l-kuruna tar-Rużarju u jgħollu 'l fuq lejn is-sema t-talba mqaddsa.

*(Giovanni XXIII).*

## Riżoluzzjonijiet li ttieħdu fir-Rally tad-Diriġenti ta' l-Għaqdiet li sar fis-Santwarju ta' Pinu, nhar il-Ħadd, 31 ta' Jannar, 1982

1. *Tajjeb li r-Rużarju fil-Knisja u fl-Għaqdiet jingħad b'mod ċar b'riflessjoni qasira fuq il-Misteri, anki possibilment bi ftit tas-silenzju bejn posta u oħra.*
2. *Biex inqajmu kuxjenza dwar il-valur tar-Rużarju, fi żmien determinat tas-sena, bħal f'Mejju u f'Ottubru, għandu jingħata tagħlim dwar l-importanza tiegħu anki fuq il-Bullettin tal-Ħadd.*
3. *Sewwa li l-ġenituri u l-membri tal-familja jimpenjaw ruħhom sabiex ikun hemm talb Marjan fil-familja, bħalma huma Rużarju, Angelus, eċċ., u jieħdu sehem attiv fih. Jieħdu ħsieb ukoll it-tiġdid tal-Konsagrazzjoni tal-familja tagħhom lill-Madonna.*
4. *B'sens ta' riparazzjoni għad-dagħa li jingħad kontra l-Madonna, il-membri ta' l-għaqdiet iħeġġu biex jingħad talb speċjali, bħal ġakulatorji, mill-kbar u miż-żgħar.*
5. *Il-katekisti għandhom jagħtu mportanza lix-xhur ta' Mejju u Ottubru, biex fihom jingħata tagħlim dwar il-Madonna, anke permezz ta' 'visual aids', djarju Marjan, kant, projects, drama, u stejjer awtentiċi dwar il-Madonna.*
6. *Fl-okkażjoni tal-festi tal-Madonna, permezz ta' katekeżi xierqa, it-tfal jiġu mhejjija biex jiċċelebrawhom bl-importanza li tixirqilhom. Fejn hu possibbli ssir ukoll Ġimgħa jew Ġurnata Marjana.*
7. *Hija ħaġa tajba li l-għaqdiet jorganizzaw pellegrinaġġi tat-tfal għas-Santwarji Marjani. Fihom isir talb komunitarju, u jingħata tagħrif dwar is-Santwarji nfushom. Pellegrinaġġi bħal dawn jiġu organizzati wkoll għall-kategoriji l-oħra tan-nies f'ħinijiet addattati għalihom.*
8. *L-Għaqdiet tal-parroċċi fejn hemm Santwarju Marjan, b'koperazzjoni mar-Rettur, jieħdu ħsieb biex ikun hemm animaturi, letturi, eċċ., waqt il-Quddies, kif ukoll jieħdu b'xogħol l-indafa u t-tiżjin tas-Santwarji.*
9. *Fl-okkażjoni tal-festi Marjani f'dawn is-Santwarji, bil-koperazzjoni tal-għaqdiet, jistgħu jiġu organizzati noveni, lejl ta' talb, pageants, jew xi Akkademja Marjana.*
10. *L-Għaqdiet Kattoliċi għandhom ikunu nformati bil-ħinijiet u l-ġranet li fihom ikun miftuħ iċ-Ċentru Kulturali Marjan, kif ukoll bl-attivitajiet l-oħra organizzati miċ-Ċentru, bħal per eż. Competitions.*
11. *Hu ssuġġerit li bħala parti mill-programm tal-Festi Ċentinarji tal-1983, ikun hemm kors ta' Marjoloġija fuq livell popolari.*
12. *Il-membri tal-għaqdiet jagħtu l-għajnuna tagħhom sabiex tkun aktar magħrufa u tinxtered ir-rivista "Il-Madonna ta' Pinu", kif ukoll kotba oħra ta' tagħrif dwar is-Santwarji Marjani.*

# KRONAKA TAS-SANTWARJU



## JANNAR:

*2.* L-ewwel Sibt tax-xahar. Il-Fergħa Ewkaristika organizzat siegħa adorazzjoni u quddiesa.

**10.** Fl-okkażjoni tal-Ġimgħa tal-Familja organizzata mill-Moviment ta' Kana f'Għawdex, Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi mexxa Konċelebrazzjoni mas-saċerdoti mpenjati f'dan il-Moviment. Fl-omelija tiegħu, Mons. Isqof kellem lill-koppji preżenti dwar il-qdusija tal-ħajja taż-żwieġ u d-doveri tagħhom bħala miżżewġin.

**23. Bħala parti mill-programm ta' ċelebrazzjonijiet fl-okkażjoni ta' egħluq il-50 sena tal-Konsagrazzjoni tas-Santwarju, ġew organizzati sagħtejn talb għall-erwieħ ikkonsagrati fis-Santwarju ta' Pinu. Numru kbir ta' nies minn Għawdex kollu ħadu sehem f'din il-laqgħa ta' talb li ntemmet b'Konċelebrazzjoni li tmexxiet mill-Eċċ. T. Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi.**

Illum ukoll, bħal fis-snin l-imgħoddija, ġiet iċċelebrata t-tifkira tat-Tieġ tal-Madonna flimkien ma' San Ġużepp. F'din l-okkażjoni qaddes Dun Karm Borg u fl-omelija tiegħu huwa kellem lil dawk preżenti dwar il-ħtieġa li nżommu l-Familja ta' Marija u ta' Ġużeppi bħala mudell tal-familji tagħna. Mhux biżżejjed i fl-okkażjoni tat-tieġ nagħmlu festa kbira. Dan għandu jsir, però qabel kollox għandha ssir il-preparazzjoni meħtieġa għal dan is-sagrament. Fi tmiem din il-quddiesa, tqassam il-ħelu mbierek lil dawk preżenti.

**24. Waħda mill-attivitajiet importanti li saru fl-okkażjoni taċ-Ċinkwantinarju tal-Konsagrazzjoni tas-Santwarju ta' Pinu kienet l-Akkademja Mużiko-Letterarja. F'din l-okkażjoni saru diskorsi minn Mons. Beneditt Camilleri, Rettur tas-Santwarju, u mill-Kav. Ġużeppi Pace u nqraw poeżiji minn Mons. M'Anġ Apap u l-Kan. Joe Meylak. Id-diskors tal-għeluq sar mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi. Il-Kor "Maria Assunta" tal-Katidral u l-mużika kienu taħt id-direzzjoni ta' Mro. Kan. Martin Portelli.**

**26.** Il-Moviment tal-Kariżmatiċi organizza laqgħa ta' talb li ħa sehem fiha Fr. McDonough. Numru kbir ħafna ta' nies minn Għawdex kollu ħa sehem f'din il-laqgħa ta' talb li damet għal madwar 4 sigħat.

**30. Sar pellegrinaġġ mit-tfal ta' kull parroċċa ta' Għawdex għas-Santwarju ta' Pinu biex anke t-tfal jitolbu u jroddu ħajr lil Alla fl-okkażjoni ta' egħluq il-50 sena tal-Konsagrazzjoni ta' dan is-Santwarju. F'din l-okkażjoni, l-Eċċ. T. Mons. Isqof Nikol Ġ.**

Cauchi mexxa Konċelebrazzjoni flimkien ma numru ta' Kappillani u saċerdoti oħra, u fl-omelija tiegħu kellem lit-tfal preżenti (madwar 1000) dwar it-tifsira tal-kelma "konsagrazzjoni" u kif kull nisrani jiġi kkonsagrat lil Alla fil-jum tal-Magħmudija tiegħu.

31. Sar Rally għad-diriġenti tal-Għaqdiet Kattoliċi. Il-programm beda b'quddiesa u wara saru ħames gruppi ta' studju. Is-suġġett ta' dan ir-rally kien: Id-devozzjoni lejn il-Madonna u l-Apostolat Marjan. Minn dan ir-rally, ħarġu 12-il riżoluzzjoni li xi wħud minnhom jitkellmu dwar l-attività taċ-Ċentru Kulturali Marjan ta' Pinu.

Fl-4.30 p.m. sar Għasar kantat mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata tal-Għarb.

## FRAR:

**Bidu tal-Pellegrinaġġi mill-parroċċi kollha ta' Għawdex fl-okkażjoni tal-50 sena tal-Konsagrazzjoni tas-Santwarju.**

5. *L-ewwel pellegrinaġġ sar mill-parroċċa tal-Għarb. Saret Konċelebrazzjoni li tmexxiet mill-Arċipriet Mons. Ġużeppi Borg u ħadu sehem il-Kan Dun Ġużepp Tabone, u l-Kan. Dun Mikiel Cauchi. Is-suġġett tal-omelija kien: Marija fil-Misteru ta' Kristu Redentur.*

6. *Pellegrinaġġ mill-parroċċa ta' Għajnsielem. L-Arċipriet, il-Kan. Dun Ġużepp Zerafa mexxa Konċelebrazzjoni flimkien ma' Dun Karm Cassar u l-Kan. Dun Karm Cini. Fl-omelija tiegħu l-Arċipriet Zerafa tkellem dwar: Marija Omm Alla.*

7. Fl-okkażjoni tal-ewwel Sibt tax-xahar, bħas-soltu saret siegħa adorazzjoni u quddiesa bl-inizjattiva tal-Fergħa Ewkaristika.

8. *Pellegrinaġġ mill-parroċċa tal-Qala. Qaddes l-Arċipriet Dun Ġużepp Borg Attard. Is-suġġett tal-omelija kien: Marija Ispirazzjoni tal-Knisja.*

9. *Pellegrinaġġ mill-parroċċa taż-Żebbuġ. L-Arċipriet Dun Alwiġ Vella kkonċelebra flimkien ma' Dun Ġorġ Vella, Dun Salv Camilleri u Dun Salv Tabone. Is-suġġett tal-omelija kien: Marija Mtella' fis-Sema.*

10. *Pellegrinaġġ mill-parroċċa ta' San Ġorġ. Saret Konċelebrazzjoni li tmexxiet mill-Arċipriet Mons. Emmanuel Mercieca li fl-omelija tiegħu tkellem dwar: Marija Mudell tal-Insara fl-Ispirtu tal-Fidi. Ħadu sehem fil-Konċelebrazzjoni Mons. Carmelo Scicluna, Mons. Carmelo Sacco, Kan. Dun Salv Borg, Kan. Dun Karm Grech, u l-Kan. Dun Ġwann Gauci.*

11. *Pellegrinaġġ mill-parroċċa tal-Fontana. Il-Kappillan Dun Ġwann Cini mexxa Konċelebrazzjoni flimkien ma' Mons. Francesco Borg u Dun Ġwann B. Cremona. Fl-omelija tiegħu, il-Kappillan Cini tkellem dwar: Marija Għarusa tal-Ispirtu s-Santu.*

12. *Pellegrinaġġ mill-parroċċa tal-Katidral. L-Arċipriet Mons. Carmelo Scicluna mexxa Konċelebrazzjoni flimkien ma' Mons. Arċid. Giovanni B. Gauci, Mons. Penit. Girgor Vella, Mons. Ġużeppi Farrugia, Mons. Ġużeppi Gauci, Dun Ġorġ Tabone, u Dun Joe Bezzina. Is-suġġett tal-omelija kien: Marija fiċ-Ċenaklu.*

13. *Pellegrinaġġ mill-parroċċa tax-Xewkija. L-Arċipriet Mons. Carmelo Mercieca mexxa Konċelebrazzjoni flimkien ma' Dun Ġwann Xuereb, Dun Ġorġ Mercieca, u Mons. Carmelo Bajada. Fl-omelija tiegħu l-Arċipriet Mercieca tkellem dwar: Marija Omm il-Bnedmin kollha.*

14. *Għeluq tal-Ġimgħa tal-Azzjoni Kattolika. Illum ukoll sar pellegrinaġġ mill-parroċċa tal-Għasri. Saret Konċelebrazzjoni li tmexxiet mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi. Ħadu sehem fil-Konċelebrazzjoni l-Kappillan tal-Għasri, Dun Ġużepp Mintoff, l-Asst. Ekk Djoċ. Dun Karm Hili u bosta Asst. Ekkleżjastiċi tal-Fergħat parrokkjali tal-Azzjoni Kattolika. Fl-omelija tiegħu, Mons. Isqof tkellem dwar il-*

*ħidmiet diversi tal-Azzjoni Kattolika matul iż-żmien li ilha fid-djoċesi ta' Għawdex. Huwa fakkar lil dawk preżenti fiż-żminijiet sbieħ u fil-mumenti iebsin li għexet l-Azzjoni Kattolika, u filwaqt li ħeġġeġ lill-membri kollha tal-Azzjoni Kattolika biex ikomplu jaħdmu dejjem b'entużjażmu akbar f'din l-Għaqda qaddisa, huwa spiċċa l-omelija tiegħu b'talba lil Alla biex ixerred il-barka tiegħu fuq l-Azzjoni Kattolika.*

**15.** *Pellegrinaġġ mill-parroċċa tan-Nadur. Saret Konċelebrazzjoni li tmexxiet mill-Arċipriet Mons. Mikiel Portelli, u ħadu sehem il-Kan. Dun Salv Pace, il-Kan. Dun Salv Curmi, il-Kan. Dun Anton Meylak, Dun Mikiel Attard u Dun Salv Grima. Is-suġġett tal-omelija kien: Marija Mudell tal-Insara fl-Ispirtu ta' servizz lejn l-aħwa.*

**16.** *Pellegrinaġġ mill-parroċċa tax-Xagħra. Saret Konċelebrazzjoni li tmexxiet mill-Arċipriet Mons. Eucaristico Sultana. Ħadu sehem fil-Konċelebrazzjoni Mons. Espedito Tabone, Kan. M'Anġ Xerri, Kan. Benjamin Attard, Kan. Luigi Camilleri, Kan. Anton Refalo, u Dun Karm Hili. Fl-omelija tiegħu, l-Arċipriet tkellem dwar: Marija Mudell tal-Insara fl-Għaqda tagħha ma' Kristu.*

**17.** *Pellegrinaġġ mill-parroċċa ta' San Lawrenz. Il-Kappillan Kan. Dun Mikiel Borg ikkonċelebra flimkien ma' Dun Ġużepp Piscopo. Fl-omelija tiegħu, il-Kappillan Borg tkellem dwar: Marija Mudell tagħna fl-ispirtu tal-Karità.*

**18.** *Pellegrinaġġ mill-parroċċa ta' Sannat. L-Arċipriet Dun Nikol Vella mexxa konċelebrazzjoni flimkien ma' Dun Anton Saliba. Suġġett tal-omelija kien: Marija fit-tagħlim tal-Konċilju Vatikan II.*

**19.** *Pellegrinaġġ mill-parroċċa tal-Munxar. Saret Konċelebrazzjoni li tmexxiet mill-Kappillan Dun Salv Debrincat. Ikkonċelebraw ukoll Mons. Ġużeppi Curmi u l-Kappillan Dun Franġisk Debrincat. Fl-omelija tiegħu, il-Kappillan Dun Salv Debrincat tkellem dwar: Marija Fiduċja tal-Knisja.*

**21. GĦELUQ TAL-FESTI KOMMEMORATTIVI TAL-50 SENA TAL-KONSAGRAZZJONI TAS-SANTWARJU TAL-MADONNA TA' PINU.** Fil-għodu, sar quddies lett bl-omelija fis-6.15, fit-8.30, fl-10.00 u fil-11.00. Fil-5.00 p.m. saret Konċelebrazzjoni Pontifikali Sollenni li tmexxiet mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Ġużeppi Mercieca, Arċisqof Metropolita ta' Malta, li kien assistit mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi u l-Abbati Benedittin D. Angelo Mifsud. Numru sabiħ ta' saċerdoti ħadu sehem f'din il-Konċelebrazzjoni: Dun Salv Camilleri; Fr. Bonaventura Camilleri, O.F.M. Conv.; P. Alfred Xerri O.F.M. Cap.; Can John Bartolo; P. Diego Thuema; Can. M'Anġ Xerri; Can. Carmelo Xuereb; Can. Anton Buttigieg; Can. Salv Pace; Saċ. Lawrenz Theuma; Saċ. Carmelo Cassar; Saċ. Ġużeppi Grech; Mons. B. Bezzina; Mons. Kan. Gius. Farrugia Vella; Can. John Gauci; Arċ. Luigi Vella; Rev. Salv Sultana; Rev. Karm Hili; Can. Salv Curmi; Dun Angelo Buttigieg; Kan. P. Meylaq; Can. Benjamin Attard; Can. Anton Borg; Dun Salvu Muscat; Mons. Espedito Tabone; Mgr. Joseph Buttigieg; Mgr. Jos. Farrugia Dimech; Arċid. G. B. Gauci; Rev. Angelo Camilleri; Kapp. Dun Ġwann Cini; Mons. Anton Grech Vella; Dun Salv Tabone; Can. Joseph Grech; Can. Salv Camilleri; Dun Mikiel Mintoff; Saċ. Joesph Sacco; Dun Karm Borg; Dun Anton Dimech; Kan. Ġużeppi Tabone; Kan. Ġorġ Mercieca; Arċip. Nikola Vella; Dun Salv Grima; Mons. Franġisk Borg; Can. Joseph Borg; Rev. John Mercieca; P. Gabriel Micallef O.F.M.; Mons. G. Curmi; P. Pietru Pawl Meylak O.F.M.; P. Fra Caruana O.F.M.; Mons. Arċip.

**Emmanuel Mercieca; Kapp. Ġużeppi Mintoff; Dun Mario Cassar; Kapp. Dun Franġisk Debrincat; Kapp. Dun Salv Debrincat; Dun Mikiel Attard.**

**Fi tmiem il-Konċelebrazzjoni tkanta Te Deum b'ringrazzjament lil Alla għal tant grazzji li huwa xerrex fuqna bl-interċessjoni tal-Madonna ta' Pinu matul l-aħħar 50 sena.**

**25.** Grupp ta' Patrijiet Kapuċċini kkonċelebraw flimkien fil-Kappella tal-Madonna ta' Pinu fi tmiem l-Irtir li huma għamlu fil-Kunvent tagħhom tar-Rabat.

**MARZU:**

**6.** Saret siegħa Adorazzjoni u quddiesa. Din il-laqgħa ta' talb kienet organizzata mill-Fergħa Ewkaristika.

**7.** Pellegrinaġġ mill-parroċċa taż-Żebbuġ. Saret Konċelebrazzjoni li tmexxiet mill-W.R. Arċipriet Dun Alwiġ Vella.

Pellegrinaġġ ieħor sar mill-Kommunità tal-Knisja ta' Sant'Wistin tar-Rabat. Qaddes Patri Martinjan Cutajar.

**14.** Il-Kappillan Dun Ġużepp Mintoff mexxa pellegrinaġġ mill-parroċċa tal-Għasri għas-Santwarju ta' Pinu fejn huwa qaddes għal dawk li ħadu sehem fil-pellegrinaġġ.

## IL-MADONNA KORREDENTRIĊI MA' KRISTU RXOXT

Kristu biss għandu d-dritt iqassam id-doni tal-Fidwa, billi Hu medjatur bejn Alla u l-bniedem; iżda bl-istess taħlita ta' duluri bejnu u Ommu Marija, din kienet qrib Bintu bħala l-konċiljatriċi l-aktar qawwija tad-dinja kollha.

*(Piju IX).*

Marija hi "ekwidott" jew ukoll il-Għonq li bih il-ġisem (Knisja) jingħaqad mar-Ras (Kristu) u r-Ras tgħaddi lill-ġisem il-forza: Minnha jiġu lilna d-doni spiritwali.

*(S. Bernard).*

Il-qawwa li tagħti l-grazzji ġejja biss minn Alla; iżda, billi Marija tgħaddi 'l kulħadd fil-qdusija u fil-għaqda ma' Kristu, li miegħu "tissieħeb" fil-Fidwa, timmeritalna dak li mmeritalna Binha. Hi dispensatriċi ewlenija tal-grazzji.

*(S. Piju X).*

Aħna naraw f'ħajjet Marija, ir-rigal tal-Fidwa, offrut lilha mhux għax immeritatu, iżda minħabba d-digriet liberu t'Alla.

*(George Maloney, S.J.).*

Marija kienet magħżula biex tagħti l Ġesù lid-dinja: kollox ġie permezz tagħha. Hi l-Appostlu u aħna għandna sehem fl-appostolat tagħha.

*(Saċ. G. Alberione).*

Ejjew nitolbu lil Marija biex ikollna Knisja ħajja, Knisja magħquda u Knisja qaddisa.

*(Pawlu VI).*

# IS-SANTWARJU TA' PINU — 50 SENA IKKONSAGRAT —

*Minn*
**DUN LAWRENZ SCIBERRAS**

Is-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna ta' Pinu għalaq ħamsin sena kkonsagrat. L-Eċċellenza Tiegħu Monsinjur Mikiel Gonzi, dak in-nhar Isqof ta' Għawdex, fost il-kant ta' ferħ u festa, dilek biż-żejt imqaddes it-tnax-il salib li hemm imwaħħla mal-pilastri prinċipali tas-Santwarju.

Tkun għalhekk ħaġa sewwa jekk nagħmlu flimkien xi ħsibijiet dwar l-aspett bibbliku tal-konsagrazzjoni tal-maqdes. Naraw għalhekk:

1. Liema rabta u xebh hemm bejn il-knisja u t-tempju ta' Ġerusalem.
2. Kif ġab ruħu Ġesù rigward l-imsemmi maqdes.
3. X'ried jgħallem San Pietru meta kiteb: "intom bħala ġebel ħaj, inbnew f'dar spiritwali.

## It-Tempju ta' Salamun

Naqraw fit-tieni ktieb tas-Slaten li darba waħda s-sultan David qatagħha li jibni dar xierqa, sabiex ġo fiha jpoġġi l-Arka tal-Allejanza. U difatti, dan David kien diġà xtara l-art sabiex fuqha jibni dan it-tempju. Però x-xogħol ta' dan it-tempju kellu jagħmlu ibnu stess, jiġifieri Salamun.

Is-sultan Salamun kien jaf tajjeb lil min ser jibni dan il-maqdes u għalhekk ma kienx kuntent li jħaddem biss in-nies tiegħu, iżda ra kif għamel u ħaddem mgħallmin barranin. Difatti kiteb lil Huram, sultan ta' Tir, fejn qallu u talbu biex jibgħatlu xi nies imħarrġin fis-sengħa tal-bini. Mhux biss, Huram bagħat ukoll lil Salamun ħafna njam taċ-Ċedru mil-Lebanon. U dan kollu serva sabiex iżejjen u jsebbaħ il-Maqdes t'Alla.

## Il-Konsagrazzjoni

U meta x-xogħol ta' dan it-tempju kien lest, Salamun mar ġabar il-kapijiet, qassisin u n-nies kollha ta' Israel u quddiemhom mar għall-ewwel darba fit-tempju joffri sagrifiċċji l-aktar kbar lil Alla. U f'dik il-ġurnata, li mbagħad baqgħet tissejjaħ id-**dedikazzjoni** tat-tempju, is-sultan Salamun għamel talba l-aktar imqanqla u profonda lil Alla. U fost ħwejjeġ oħra, Salamun talab lil Alla sabiex jagħti widen għall-poplu meta dan jiġi hawn fit-tempju jitlob. "U wkoll meta s-sema jingħalaq u ma tagħmilx xita, u l-poplu jiġi hawn fil-maqdes, nitolbok Sinjur sabiex tagħti widen għat-talba tiegħu".

U Alla, biex juri b'mod tanġibbli kemm ħa pjaċir b'dak li għamel u talab Salamun, hekk kif naqraw fit-Tieni ktieb tal-Kronaka, niżlet sħaba mis-sema u qagħdet fit-tempju. "U l-**glorja** ta' Jayweh imliet it-tempju". 2 Kron. 5:14. It-terminu lhudi tal-kelma glorja hija **"shekina"**.

Fil-knejjes tagħna wkoll, bħal fit-tempju ta' Ġerusalem, minn tlugħ ix-xemx sa nżulha, isiru offerti u sagrifiċċji lil Alla. Però, kif nafu, hemm u teżisti differenza l-aktar kbira, għaliex waqt li fl-Antik Testment is-sagrifiċċji kienu tal-bhejjem, f'dawk tal-Ġdid Testment jiġi offrut il-**Ġisem** u d-**Demm** ta' Kristu.

## In-numru tnax

Tixbiha oħra bejn it-Tempju ta' Ġerusalem u l-Knisja qiegħed fin-numru **tnax.** Il-Maqdes tal-Lhud kien iċ-ċentru tal-poplu Lhudi; poplu li kien iffurmat minn tnax-il tribù. Ukoll fin-nava ċentrali

ta' l-istess tempju kien hemm mejda li fuqha kien hemm tnax-il ħobża tal-wiri, jew aħjar il-ħobż tal-preżenza. Kull ħobża suppost li kienet tirrappreżenta tribù; allura t-**tnax-il tribù** kienu dejjem fit-tempju.

Oġġett ieħor li għandu x'jaqsam man-numru **tnax** hija dik il-plakka bi tnax-il-ħaġra prezzjuża li l-Qassis il-Kbir kien jilbes fil-festa tal-Yom Kippur. Dak in-nhar il-Qassis il-Kbir kien jidħol fil-parti ta' ġewwa nett tat-tempju u jroxx id-demm fuq l-għatu tal-Arka. Il-plakka bi **tnax**-il-ħaġra tfisser **tnax**-il tribù.

Okkażjoni oħra li fiha nerġgħu niltaqgħu man-numru tnax saret proprju mad-dħul tal-poplu Lhudi fl-Art Imqaddsa. L-ewwel ħaġa li għamel il-mexxej il-ġdid Ġoswè hekk kif hu flimkien mal-poplu rifes il-Palestina kienet il-bini ta' artal bi **tnax-il-ġebla.** Hawn ukoll dan ifisser it-tnax-il tribù ta' Israel.

U dak li ġara fl-Antik Testment kompla jiġi ċċarat u mfisser fil-Ġdid Testment Ġesù, għall-bini ta' tempju ġdid għażel **tnax-il raġel,** li mbagħad aktar 'il quddiem isiru t-tnax il-kolonna li fuqhom Kristu bena l-knisja tiegħu.

Ukoll fl-aħħar ktieb ta' l-Iskrittura Mqaddsa, Ġwanni fid-dehriet minn tiegħu, imur jilmaħ 'il Ġerusalem il-Ġdida bi **tnax** il-bieb, u l-ħajt ta' din il-belt qaddisa "għandu **tnax** il-pedament, li fuqhom hemm it-tnax l-isem tat-**tnax** l-appostlu tal-Ħaruf". Apok 21:14.

## Ġesù u t-Tempju

F'dak li għandu x'jaqsam mat-tempju, Ġesù ġab ruħu b'rispett u qima l-aktar kbira. Naqraw fil-vanġelu li bosta drabi Ġesù flimkien mal-appostli kienu jmorru fit-tempju sabiex jitolbu, u jaduraw lil Alla. U wkoll mhux darba u tnejn Ġesù bagħat lin-nies fit-tempju jirringrazzjaw lil Alla wara li jkunu ħelsu u fiequ minn xi marda. Mk 1:43; Ġw 5:14.

Ġesù mhux biss kien imur jitlob fit-tempju imma kif naqraw fil-Vanġelu kien jagħti s-sehem tiegħu materjalment ukoll. San Mattew igħidilna li darba waħda meta xi lhud resqu fuq Pietru u staqsewh għaliex Ġesù ma kienx iħallas it-taxxa tat-tempju, Ġesù bagħat lil Pietru jaqbad ħuta u l-flus li jsib f'ħalqha jħallas bihom it-taxxa tat-tempju. Mt 17:24-27.

## Il-bejjiegħa fil-bitħa

Ġrajja oħra l-aktar importanti u sinifikattiva hija t-tkeċċija tal-bejjiegħa proprju mill-bitħa tat-tempju. Tajjeb hawn ta' min jirrifletti. Il-għan prinċipali ta' dawn in-nies kien li jbiegħu l-bhejjem għas-sagrifiċċju. Ukoll dawn kienu fil-parti ta' barra tat-tempju. Intant Ġesù nkorla, Ġesù għadab għalihom, tant li keċċihom ikoll il-barra, u ċanfarhom: "Dari hija d-dar tat-talb, u intom għamiltuha għar tal-ħallelin."

U din l-espressjoni tant hija qawwija, tant impressjonat lin-nies li t-tliet evanġelisti kitbu din il-kwotazzjoni li Ġesù nnifsu ħa mingħand il-profeta Ġeremija. Ġer. 7:11. Is-Sinottiċi huma: S. Mat 21:13; S. Mark 11-17; S. Luqa 19:11.

Meta wieħed jaqra din l-espressjoni bil-grieg, jinduna li fiha aktar qawwa; u dan għaliex quddiem in-nom "dar" hemm l-artiklu determinat, jiġifieri t-tempju għandu jiġi wżat biss u esklussivament għat-talb, għat-tifħir lil Alla.

## Ġebel Ħaj

It-tielet riflessjoni issa neħduha minn dan li jgħallimna S. Pietru: "Intom bħal ġebel ħaj, inbnew f'dar spiritwali." L-ewwelnett aħna nafu li l-Knisja ma hijiex sempliċement il-ġebel, imma l-insara mgħammdin kollha flimkien mal-Papa, l-isqfijiet u s-saċerdoti. Dan it-tagħlim iwassalulna b'mod l-aktar ċar il-Konċilju Vatikan II fil-Kostituzzjoni dommatika dwar il-Knisja.

Immela meta S. Pietru lill-insara sejħilhom "ġebel ħaj", dan ried ifisser li l-insara bid-dilka taż-żejt u bil-ħasil fil-magħmudija, dawn jibnu flimkien il-knisja li tagħha Kristu huwa r-Ras. San Pawl

ikompli jfisser dan it-tagħlim meta qal: "intom tempju, għamara tal-Ispirtu s-Santu". U dan it-tempju għandu jkun ħaj safi, u qaddis. Dan kollu jirnexxielna nagħmluh billi kontinwament inkabbru fina l-grazzja permezz tas-sagramenti.

Min-naħa l-oħra, dak kollu li ma jixraqx lit-tempju ħaj t'Alla, għandna nwarrbuh, l-anqas biss għandu jissemma fost l-insara. Għaliex kif ikompli San Pawl "jekk wieħed jgħarraq it-tempju t'Alla, Alla jgħarraq lilu, għax it-tempju t'Alla, li huwa intom hu mqaddes." (1 Kor 3:17).

Nitgħallmu għalhekk f'din l-okkażjoni tal-ħamsin sena mill-konsagrazzjoni tas-Santwarju ta' Pinu:

**L-Ewwel:** nirrispettaw u nħobbu l-knisja: din hija d-Dar t'Alla, id-Dar tat-Talb.

**It-Tieni:** ninbnew dejjem b'bini ħaj, billi nżommu dejjem magħqudin ma' Kristu li huwa t-triq, il-verità u l-ħajja.

**It-Tielet:** "Li ma jistgħux isalvaw dawk in-nies li waqt li jagħrfu li l-Knisja Kattolika ġiet imwaqqfa minn Alla permezz ta' Ġesù Kristu bħala neċessarja, ma jridux jidħlu fiha, jew ma jipperseverawx fiha." L.G. 14.

---

## MATER PURISSIMA

Fil-ħlewwa ta' Mejju,
Omm tagħna Marija,
O kemm idoqq ħlejju
dak ismek sabiħ!

Kemm toħroġ qawwija
dil-kelma minn qalbna
bit-tama li talbna
jagħtik l-akbar ġieħ.

Int l-għaxqa tas-Sema,
ix-xemx tal-ħolqien,
Int l-Omm ta' Min ħalqek,
bik mimli kull żmien.

Kif tiftaħ fil-ġonna
il-warda maltija
tfakkarna, O Madonna,
fil-lewn ta' ħaddejk.

Jekk tidħak id-dija
tal-kwiekeb irżina,
tfakkarna, O Ħanina,
fil-ħarsa t'għajnejk.

Għalhekk, ja Sultana
tal-ħlewwa Marija
Int biss tama tagħna,
Int qawwa tar-ruħ.

**DUN KARM.**

*ĦSIEB: Fl-isbaħ xahar tas-sena, f'Mejju, mimli kollu ward ifuħ, il-Poeta Nazzjonali jxebbaħ lill-Madonna mal-mużika sabiħa, mal-Warda Maltija u mad-dija tal-kwiekeb u fiha jqiegħed it-tama tagħna, għax hija biss għandha fuqna "l-qawwa tar-ruħ".*

# Programm ta' Ċelebrazzjonijiet fl-Okkażjoni ta' Egħluq il-50 Sena mill-Konsagrazzjoni tas-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu

L-EWWEL PARTI:

**17 ta' Ġunju: Ftuħ tal-Festi Ċinkwantinarji**

Pellegrinaġġ Djoċesan immexxi minn Mons. Beneditt Camilleri, Rettur tas-tas-Santwarju Ta' Pinu. Wara Konċelebrazzjoni bl-omelija tal-okkażjoni, li titmexxa mill-Eċċ. T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof ta' Għawdex.

**21 ta' Ġunju: Lejlet Jum id-Dehra**

Fil-4.45 p.m. Translazzjoni Solenni tar-Relikwija mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi. Jieħu sehem il-Kapitlu tal-Kolleġġjata tal-Għarb. Fil-5.00 p.m. Quddiesa Kantata bl-omelija mill-Kan. Dun Ġużepp Grech. Ikanta l-Kor tas-Seminaristi taħt id-direzzjoni tal-Kan. Martin Portelli.

**22 ta' Ġunju 1981: Jum id-Dehra**

Mill-4.30 a.m. sat-8.00 a.m. quddies lett kull nofs siegħa. Fid-9.00 a.m. Quddiesa Pontifikali mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi bl-omelija dwar "Il-Qima lejn il-Madonna". Wara l-quddiesa, Supplika, Te Deum u Ċelebrazzjoni Ewkaristika. Ikanta l-Kor tas-Seminaristi. Fit-8.00 p.m. Konċelebrazzjoni mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi flimkien mas-saċerdoti Għawdxin.

**3 ta' Lulju, 1981: Funzjoni għall-Morda u għall-Anzjani**

Fil-5.30 p.m. Ċelebrazzjoni Ewkaristika Marjana li titmexxa mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi.

**13 ta' Awissu, 1981: Tnedija tal-Konkors Novelli dwar il-Madonna miċ-Ċentru Kulturali Marjan Ta' Pinu.**

**15 t'Awissu, 1981: Lejlet il-Festa Titulari**

Fl-4.30 p.m. Translazzjoni tar-Relikwija u wara l Vespri kantat mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata tal-Għarb.

**16 ta' Awissu, 1981: Jum il-Festa Titulari**

Fl-4.30 p.m. II Vespri kantat mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata tal-Għarb. Fil-5.00 p.m. Quddiesa Kantata bl-omelija mill-Kan. Dun Ġużepp Grech.

**8 ta' Settembru, 1981: Funzjoni għas-Sorijiet tad-Djoċesi**

Fil-5.00 p.m. Fr. Alfred Pitrè, Delegat tal-Isqof għas-Sorijiet imexxi Konċelebrazzjoni mal-Kappillani tas-Sorijiet ta' Għawdex.

**25 ta' Settembru, 1981: Septemberfest**

L-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi jmexxi Konċelebrazzjoni flimkien mad-Diretturi taċ-Ċentri Parrokkjali fuq iz-zuntier tas-Santwarju ta' Pinu. Wara

jkun hemm Serata ta' kant, daqq u mima mtella' miż-żgħażagħ.

**4 ta' Ottubru, 1981: Film Forum għall-Familja**

**8 ta' Novembru, 1981: Konċelebrazzjoni għall-Erwieħ tar-Retturi tas-Santwarju u tal-Benefatturi**

Fil-5.00 p.m. l-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi jmexxi Konċelebrazzjoni flimkien mal-Patrijiet kollha tad-Djoċesi. Ikanta l-Kor tal-Knisja tal-Patrijiet ta' Ġiezu.

**Għalkemm id-data tal-għeluq ta' dawn il-Festi Kommemorattivi hija t-13 ta' Diċembru, 1981, minħabba l-elezzjonijiet politiċi, b'deċiżjoni tal-Kumitat Organizzattiv, il-konklużjoni tħalliet għal nhar il-Ħadd, 21 ta' Frar, 1982.**

**24 ta' Jannar, 1982: Akkademja Mużiko-Letterarja**

L-Akkademja tibda fis-5.45 p.m. Isiru diskorsi mir-Rettur Mons. Beneditt Camilleri, mill-Kav. Ġużeppi Pace, mill-Eċċ. T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof t'Għawdex. Jinqraw poeżiji minn Mons. M'Anġ Apap u l-Kan. Joe Meylaq. L-orkestra u l-Kor "Maria Assunta" tal-Katidral ikunu taħt id-direzzjoni ta' Mro. Kan. Martin Portelli.

**30 ta' Jannar, 1982: :Pellegrinaġġ mit-tfal.**

Fit-8.30 a.m. Konċelebrazzjoni li titmexxa mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi. Ikanta l-Kor tat-tfal tal-parroċċa ta' San Lawrenz. Jittellgħu premijiet sbieħ fost it-tfal li jattendu.

**31 ta' Jannar, 1982: Rally għad-Diriġenti tal-Għaqdiet Kattoliċi**

Ir-Rally jibda b'quddiesa u kelmtejn ta' introduzzjoni fit-8.30 a.m. u għandu bħala suġġett: id-Devozzjoni lejn il-Madonna u l-Apostolat Marjan.

IT-TIENI PARTI: FESTI SOLENNI

**5 ta' Frar, 1982:** Pellegrinaġġ mill-Parroċċa tal-Għarb.
**6 ta' Frar, 1982:** Pellegrinaġġ mill-Parroċċa ta' Għajnsielem.
**7 ta' Frar, 1982:** Pellegrinaġġ mill-Parroċċa ta' Kerċem.
**8 ta' Frar, 1982:** Pellegrinaġġ mill-Parroċċa tal-Qala.
**9 ta' Frar, 1982:** Pellegrinaġġ mill-Parroċċa ta -Żebbuġ.
**10 ta' Frar, 1982:** Pellegrinaġġ mill-Parroċċa ta' San Ġorġ.
**11 ta' Frar, 1982:** Pellegrinaġġ mill-Parroċċa tal-Fontana.
**12 ta' Frar, 1982:** Pellegrinaġġ mill-Parroċċa tal-Katidral.
**13 ta' Frar, 1982:** Pellegrinaġġ mill-Parroċċa tax-Xewkija.
**14 ta' Frar:** Pellegrinaġġ mill-Parroċċa tal-Għasri.

Fl-4.30 p.m. L-Eċċ. Tiegħu Mons. Arċisqof Emeritus Mikiel Gonzi jmexxi l Vespri kantat flimkien mal-Kapitlu tal-Kolleġġjata tal-Għarb. Wara jmexxi Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**15 ta' Frar, 1982:** Pellegrinaġġ mill-Parroċċa tan-Nadur.
**16 ta' Frar, 1982:** Pellegrinaġġ mill-Parroċċa tax-Xagħra.
**17 ta' Frar, 1982:** Pellegrinaġġ mill-Parroċċa ta' San Lawrenz.

**18 ta' Frar, 1982:** Pellegrinaġġ mill-Parroċċa ta' Sannat.

**19 ta' Frar, 1982:** Pellegrinaġġ mill-Parroċċa tal-Munxar.

**20 ta' Frar, 1982:** Fl-4.30 p.m. l Vespri kantat mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata tal-Għarb. Wara Ċelebrazzjoni Ewkaristika u quddiesa.

**21 TA' FRAR, 1982: EGĦLUQ TAL-FESTI KOMMEMORATTIVI TAL-50 SENA MILL-KONSAGRAZZJONI TAS-SANTWARJU TAL-MADONNA TA' PINU**

Quddies lett bl-omelija: fis-6.15 a.m.; fit-8.30 a.m.; fl-10.00 a.m.; u fil-11.00 a.m. Fil-5.00 p.m. Konċelebrazzjoni Pontifikali Solenni li titmexxa mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Ġużeppi Mercieca, Arċisqof Metropolita ta' Malta. Jieħdu sehem fil-Konċelebrazzjoni l-Eċċ. Tiegħu Mons. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof ta' Għawdex u l-Abbati Benedittin Dom Angelo Mifsud. Fi tmiem il-Konċelebrazzjoni jitkanta Te Deum b'ringrazzjament lil Alla għal tant grazzji li huwa xerred fuq il-gżejjer tagħna bl-interċessjoni tal-Madonna ta' Pinu matul dawn l-aħħar ħamsin sena. Għal din il-Konċelebrazzjoni huma mistiedna s-saċerdoti kollha td-djoċesi. Ikanta l-Kor tas-Seminaristi taħt id-direzzjoni tal-Kan. Martin Portelli.

---

## L-APOSTOLAT MARJAN

Il-Konċilju Vatikan II jsejjaħ 'l ulied il-Knisja biex iħeġġeġ il-qima u t-talb lejn il-Beata Verġni Marija.

*(Lumen Gentium 57).*

Aħna, li nemmnu wkoll fl-umanità ta' Kristu, għandna niltaqgħu Miegħu fit-triq u fuq il-post tax-xogħol u nsiru ħbieb Tiegħu u nħossu x-xogħol li għamlet Marija Miegħu bħala Omm.

*(Kard. Suenens).*

L-Appostlu ta' Marija jrid ikollu qalb qawwija u konvinta fil-kobor tal-privileġġi u x-xogħol ta' Dik li hi fl-istess ħin Omm Alla u fl-istess ħin Omm tal-bnedmin.

*(G.B. Cheutard).*

Marija hi l-gwida u l-għalliema tal-ħajja kkonsagrata u fuq kollox omm, b'manjiera speċjali għall-erwieħ ikkonsagrati li tgħinhom u tħarishom.

*(P. Valentin ta' S. Marija).*

“Matul dawn il-50 sena ta’ storja, dan is-Santwarju laqa’ fih nies minn kull ġens u nazzjon. Jalla din id-Dar għażiża tal-Madonna tibqa’ tkun il-kenn ta’ eluf u eluf ta’ bnedmin li matul iż-żmienijiet għad ifittxu f’dan il-post qaddis il-faraġ u l-protezzjoni ta’ Marija.”

*Mid-diskors tal-E.T. Mons. Isqof Nikol G. Cauchi fl-Akkademja Mużiko-Letterarja li saret f’ Ta’ Pinu nhar il-Ħadd, 24 ta’ Jannar, 1982.*

“Id-devozzjoni lejn il-Madonna Ta’ Pinu hija universali. Mhix devozzjoni tal-Maltin u l-Għawdxin li jgħixu hawn biss, imma mad-dinja kollha. Ma tidħolx f’ familja ta’ emigrant li ma ssibx immaġni jew santa tal-Madonna ta’ Pinu. Ma hemmx imsiefer li ma’ għandux rokna kbira f’qalbu għal Madonna ta’ Pinu. Komplu bid-devozzjoni tagħkom lejn Marija Santissima; komplu bil-pellegrinaġġi tagħkom lejn dan is-Santwarju għażiż.”

*Mid-diskors tal-E.T. Mons. Arcisqof Guzeppi Mercieca fl-Egħluq taċ-Ċelebrazzjonijiet Kommemorattivi tal-50 sena mill-Konsagrazzjoni tas-Santwarju ta’ Pinu.*